KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 22.6.2011
KUMM(2011) 367 finali

GREEN PAPER

Nimmodernizzaw id-Direttiva tal-Kwalifiki Professjonali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

1. DAĦLA

Iċ-ċittadini tal-UE[1] li jipprovdu firxa wiesgħa ta' servizzi professjonali lill-konsumaturi u lin-negozju għandhom sehem essenzjali fl-ekonomija tagħna. Il-ksib ta' impjieg, jew il-provvediment ta' servizzi, fi Stat Membru ieħor huma eżempji tanġibbli ta' kif iċ-ċittadini jistgħu jisfruttaw is-Suq Uniku. Ilu magħruf li r-regolamentazzjoni restrittiva tal-kwalifiki professjonali toħnoq il-mobbiltà daqs id-diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità. Għaldaqstant, ir-rikonoxximent tal-kwalifiki miksuba fi Stat Membru ieħor sar sies fundamentali fil-bini tas-Suq Uniku. Kif jisħqu l-Istrateġija Ewropa 2020[2] u l-Att dwar is-Suq Uniku[3], il-mobbiltà professjonali hija element ewlieni tal-kompetittività Ewropea. Proċeduri li joħolqu xkiel u nuqqas ta' ċarezza għar-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali ġew identifikati fir-Rapport tal-2010 dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE[4] bħala wieħed mill-ostakoli ewlenin li jħabbtu wiċċhom magħhom iċ-ċittadini tal-UE fil-ħajja tagħhom ta' kuljum, meta jiġu biex jeżerċitaw il-jeddijiet tagħhom skont il-liġi tal-UE f'pajjiż ieħor tal-Unjoni. Il-modernizzazzjoni tad-Direttiva għandha ssaħħaħ ukoll il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea f'negozjati tal-kummerċ internazzjonali, b'mod li tiġi ffaċilitata l-konverġenza regolatorja, u l-UE tkun tista' tagħti liċ-ċittadini tagħha aċċess aħjar għas-swieq ta' pajjiżi terzi.

Il-mobbiltà tal-professjonisti fl-Unjoni Ewropea għadha baxxa. L-għadd ta' lmenti, ta' każijiet tas-SOLVIT, ta' mistoqsijiet imqajma fis-sit 'Pariri tal-Ewropa Tiegħek', u l-analiżi li ssir ta' dawn il-każijiet, joħorġu fid-dieher il-ħtieġa li r-regoli jiġu mmodernizzati. Barra minn hekk, il-kummerċ intra-UE fis-servizzi (inklużi dawk professjonali) ma jirrappreżentax għajr 25 % tal-kummerċ totali fi ħdan l-UE. Dan huwa sehem baxx wisq meta jitqies fil-kuntest tal-importanza globali tas-settur tas-servizzi għall-ekonomija tal-UE (70 % mill-PDG). Hemm lok għall-progress.

Mobbiltà ikbar kieku twieġeb ukoll għall-isfida li jimtlew il-postijiet tax-xogħol li jeħtieġu ħiliet avvanzati hekk kif il-popolazzjoni attiva tonqos. Skont il-proġettazzjonijiet taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop), ser jenħtieġu 16-il miljun ruħ aktar sabiex jimtlew l-impjiegi ta' ħiliet avvanzati sal-2020[5], iżda x-xejriet ta' bħalissa mistennija jwasslu għal skarsezza serja ta' professjonisti kkwalifikati. Uħud min-nuqqasijiet ta' ħiliet aktarx li jistgħu jimtlew minn nies bi kwalifiki professjonali miksubin barra mill-UE, li bħalissa qed jiffaċċaw problemi kbar biex iġibu r-rikonoxximent tal-kwalifiki tagħhom.

Ta' tħassib partikulari huwa n-nuqqas mistenni ta' miljun professjonist fis-settur tas-saħħa. Il-kwistjoni ta' kif il-pajjiżi jistgħu jmexxu aħjar il-mobbiltà tal-professjonisti tas-saħħa billi jkomplu jsaħħu l-politiki ġenerali tagħhom dwar il-forza tax-xogħol, u billi jkomplu jfasslu

---

1 Dan jikkonċerna wkoll liċ-ċittadini minn pajjiżi terzi li jgawdu minn drittijiet skont il-leġiżlazzjoni Ewropea: il-qraba taċ-ċittadini tal-UE, ir-residenti għat-tul, ir-rifuġjati, u d-detenturi tal-"karta blu" jiġu ttrattati daqslikieku huma ċittadini tal-UE f'dak li jirrigwarda r-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali.

2 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Ewropa 2020, *Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv*", COM(2010) 2020, 3.3.2010.

3 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ewropew Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjuni, "*L-Att dwar is-Suq Uniku - Tnax-il xprun sabiex jiġi stimulat it-tkabbir u r-rinfurzar tal-fiduċja, 'Flimkien għal tkabbir ġdid'*", COM(2011) 206, SEC (2011) 467.

4 Rapport tal-2010 dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE, "Inżarmaw l-ostakli għad-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE", COM(2010) 603, 27.10.2010.

5 "Skill supply and demand in Europe: medium-term forecast up to 2020" (2010), disponibbli bl-Ingliż fuq: http://www.cedefop.europa.eu/en/Files/3052_en.pdf.

mekkaniżmi għall-ippjanar tal-forza tax-xogħol, se tkun is-suġġett ta' azzjoni separata minnaħa tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri[6].

Huwa f'dan il-kuntest usa' li għandha titqies l-importanza li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jaħdmu fi kwalunkwe post tal-UE. Biex jisfruttaw bis-sħiħ il-libertà tal-moviment, jeħtieġ li l-professjonisti jkollhom il-kwalifiki tagħhom rikonoxxuti mingħajr diffikultà fi Stati Membri oħra[7]. Għaldaqstant, huwa essenzjali li d-Direttiva tal-Kwalifiki Professjonali[8] tistabbilixxi regoli ċari u sempliċi għar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali. Fl-istess nifs, ir-regoli għandhom jiżguraw kwalità għolja ta' servizzi mingħajr ma jsiru huma stess xkiel għall-mobbiltà. L-Unjoni Ewropea diġà kisbet ħafna f'dan il-qasam: ċerti kwalifiki professjonali, partikularment fl-oqsma tas-saħħa, il-biedja, l-artiġjanat, il-kummerċ u l-industrija diġà huma soġġetti għal rikonoxximent awtomatiku; għall-professjonijiet kollha l-oħra, il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku abbażi ta' "sistema ġenerali" iddaħħal b'suċċess. Fl-2005, dawn ir-regoli ġew ikkomplementati minn reġim ġdid u iktar ħafif, sabiex tiġi ffaċilitata l-mobbiltà temporanja. Dawn ir-regoli huma ta' ġid għal miljuni ta' professjonisti fl-Ewropa. Huwa stmat li, waħedha, is-sistema tar-rikonoxximent awtomatiku abbażi ta' rekwiżiti minimi armonizzati ta' taħriġ tapplika għal 6,4 miljun ċittadin[9].

F'Marzu 2010, il-Kummissjoni nediet evalwazzjoni tad-Direttiva li mmobbilizzat lil ħafna partijiet interessati: madwar mitejn awtorità kompetenti fasslu rapporti dwar l-esperjenza tagħhom fl-2010, u xi erba' mitt parteċipant taw fehemhom f'konsultazzjoni pubblika fil-bidu tal-2011. Din il-*Green Paper* tibni fuq l-evalwazzjoni msemmija. Tipproponi ideat ġodda biex tiġi ffaċilitata l-mobbiltà fis-Suq Uniku, bħat-Tessera Professjonali Ewropea (ara l-parti 2); tistħarreġ modi ta' kif nibnu fuq ir-riżultati diġà miksuba (ara l-parti 3); u tistabbilixxi l-alternattivi favur il-modernizzazzjoni tar-rikonoxximent awtomatiku (ara l-parti 4). Konsultazzjoni wiesgħa dwar dawn l-ideat għandha tgħin lill-Kummissjoni tivvaluta l-alternattivi varji favur il-modernizzazzjoni tad-Direttiva tal-Kwalifiki Professjonali.

Proposta leġiżlattiva li timmodernizza d-Direttiva hija ppjanata għal tmiem 2011.

2. APPROĊĊI ĠODDA GĦALL-MOBBILTÀ

2.1. It-Tessera Professjonali Ewropea

Biex toffri għodod ġodda għall-mobbiltà, il-modernizzazzjoni tad-Direttiva għandha tissejjes fuq l-iktar teknoloġiji riċenti. Dawn it-teknoloġiji għandhom il-potenzjal kemm biex jippermettu lill-professjonisti jsiru iktar mobbli, kif ukoll biex jtejbu t-tagħrif mogħti lill-konsumaturi u lill-impjegaturi rigward il-kwalifiki tal-professjonisti li jikkorrispondu għas-servizzi li joffru. Tessera professjonali Ewropea tista' tinbena bl-għajnuna tat-teknoloġiji tal-komunikazzjoni rapida tas-seklu 21, bil-għan li jinħoloq mekkaniżmu li jagħti lit-tessera

---

6 Kwistjoni oħra tikkonċerna l-professjonijiet irregolati li għandhom x'jaqsmu mal-baħar. F'dan il-qasam, il-Kummissjoni beħsiebha tippubblika matul l-2012 Komunikazzjoni dwar it-'Tkabbir Blu', jiġifieri t-tkabbir sostenibbli fl-oċeani, l-ibħra u l-ixtut. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tixtieq tifhem jekk f'dan il-qasam jistax jiġi identifikat xi xkiel speċifiku għar-rikonoxximent reċiproku.

7 Id-diffikultajiet marbutin mar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali huma wieħed mill-ostakoli għall-mobbiltà tal-professjonisti fi ħdan l-UE, flimkien ma' oħrajn bħat-trasferibbiltà tad-drittijiet tal-pensjoni, il-fruntieri lingwistiċi, eċċ.

8 Id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali (ĠU L 225, 30.9.2005, p. 22).

9 Klassifika tas-Suq Intern, Lulju 2010.

effetti xierqa u konkreti fil-qafas ta' Direttiva modernizzata tal-Kwalifiki Professjonali. Is-sistema tal-Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI) tista' tiffaċilita kooperazzjoni ħafna eħfef bejn l-Istat Membru emittenti (il-pajjiż ta' tluq għall-professjonist) u l-Istat Membru ospitanti (il-pajjiż fejn il-professjonist ifittex jistabbilixxi ruħu). Kooperazzjoni eħfef bejn iż-żewġ pajjiżi tkun tippermetti proċess tar-rikonoxximent iktar rapidu għad-detentur tat-tessera. Il-kooperazzjoni permezz tal-IMI għandha tkun soġġett ukoll għal skadenzi li l-Istati Membri jkunu obbligati jirrispettaw fil-ġejjieni. B'mod simili, il-mobbiltà temporanja tista' ssir ħafna iktar sempliċi għall-professjonist li jkollu t-tessera: kull obbligu ta' informazzjoni li llum jista' jiġi impost mill-pajjiż ospitanti jsir żejjed, bit-tagħrif kollu meħtieġ jidher fuq it-tessera stess, jonkella jkun disponibbli mill-pajjiż ta' tluq fejn tkun inħarġet it-tessera, permezz ta' infrastruttura elettronika rapida.

Il-mobbilizzazzjoni tal-Istat Membru ta' tluq

Fis-sistema attwali, l-Istat Membru ospitanti huwa responsabbli għall-verifika tal-kwalifiki tal-professjonist migrant. Dan jista' joħloq diffikultajiet għall-professjonist, li aktarx ikollu jissottometti traduzzjonijiet ta' dokumenti diversi. Jista' jkun ukoll kompitu li jirrekjedi ħafna riżorsi għall-awtorità kompetenti fl-Istat Membru ospitanti, li aktarx ma tkun midħla tal-mod ta' kif jinkisbu l-kwalifiki fi Stati Membri oħra. Tessera professjonali Ewropea, maħruġa mill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru fejn tkun inkisbet il-kwalifika, u bil-kundizzjoni li l-professjonist ikun intitolat li jipprattika, tista' tħaffef il-proċess billi tkabbar ir-rwol tal-Istat Membru ta' tluq minn stadju bikri.

Meta tinħareġ din it-tessera, l-awtorità kompetenti fl-Istat Membru ta' tluq ikollha tivverifika li l-applikanti għandhom il-kwalifiki korretti, u li jissodisfaw kwalunkwe kundizzjoni oħra li tista' tkun meħtieġa skont Direttiva modernizzata, ngħidu aħna, li jkunu stabbiliti legalment, jew li d-diplomi tagħhom ikunu awtentiċi. Din l-awtorità jkollha wkoll taħżen id-dokumenti li jkunu ġġustifikaw il-ħruġ tat-tessera, u tagħmilhom disponibbli għall-awtorità analoga fl-Istat Membru ospitanti, skont xi jkun meħtieġ. Biex tiġi żgurata l-fiduċja reċiproka, it-tessera ma tistax tinħareġ minn entitajiet kummerċjali. Fejn professjoni ma tkunx irregolata fl-Istat Membru ta' tluq, ikun f'idejn dak l-Istat Membru li jaħtar awtorità pubblika kompetenti biex toħroġ it-tessera (eż. punti ta' kuntatt[10], jew ċentri NARIC[11]).

B'din is-sistema, l-awtoritajiet tal-Istat Membru ospitanti ma jkollhomx għalfejn jużaw riżorsi amministrattivi biex jivverifikaw l-informazzjoni kollha li diġà tkun ġiet eżaminata mill-Istat Membru ta' tluq. L-ivverifikar tal-validità tat-tessera nfisha jista' jkun biżżejjed biex jikkonferma li d-detentur jista' jeżerċita l-professjoni tiegħu fl-Istat Membru ospitanti.

F'dan il-kuntest, is-sistema tal-Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI) tista' tkun appoġġ bħala "back office" għall-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti. Dan kieku jitlob li l-awtoritajiet kompetenti kollha li joħorġu u jivverifikaw it-tessera jkunu rreġistrati mal-IMI, bl-għan li jkunu jistgħu jikkomunikaw ma' xulxin jekk jinqalgħulhom xi mistoqsijiet. Proporzjon sinifikanti ta' awtoritajiet kompetenti madwar l-UE diġà jinsabu rreġistrati; l-oħrajn mistennija jirreġistraw sa tmiem 2012.

---

10 L-Artikolu 57 tad-Direttiva jobbliga lill-Istati Membri jaħtru punt ta' kuntatt sabiex jipprovdi tagħrif liċ-ċittadini u lill-punti ta' kuntatt ta' Stati Membri oħra, u sabiex jgħin liċ-ċittadini jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom.

11 Iċ-Ċentri Nazzjonali ta' Tagħrif dwar ir-Rikonoxximent Akkademiku (NARICs) jgħinu liċ-ċittadini fi kwistjonijiet marbutin mal-kwalifiki akkademiċi. Għal aktar tagħrif, ara http://www.enic-naric.net/index.aspx?s=n&r=g&d=about#NARIC.

Il-mobbilizzazzjoni tal-Istat Membru ospitanti

Għall-professjonist li jixtieq jipprovdi servizzi fuq bażi temporanja, tessera professjonali tista' tissostitwixxi d-dokumenti amministrattivi li jattestaw id-dikjarazzjoni minn qabel, rikjesta mill-biċċa l-kbira tal-Istati Membri skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva. Sempliċi posta elettronika li tindika n-numru tat-tessera tal-professjonist tkun biżżejjed. Id-detentur tat-tessera jista' anki jkun eżenti għalkollox mir-reġim tad-dikjarazzjoni prevja, billi tkun biżżejjed it-tessera bl-informazzjoni meħtieġa fuqha. It-tessera tkun tista' tintwera lill-awtoritajiet u lil min jirċievi s-servizzi fl-Istat Membru ospitanti minflok tintbagħat dikjarazzjoni. Il-mobbiltà temporanja ssir ħafna eħfef, filwaqt li jibqa' possibbli kwalunkwe kontroll meħtieġ.

Jistgħu jinkisbu benefiċċji simili għall-professjonisti li jkunu qed ifittxu r-rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifiki tagħhom abbażi ta' rekwiżiti minimi armonizzati ta' taħriġ. Tessera tkun tista' tattestja li l-kwalifiki tal-professjonisti huma konformi mar-rekwiżiti minimi armonizzati fil-qafas ta' Direttiva modernizzata. L-awtorità kompetenti li toħroġ it-tessera tista' tivverifika tali konformità meta ssir l-applikazzjoni għat-tessera, billi tikkonsulta mal-Istat Membru fejn tkun ingħatat l-evidenza mitluba tal-kwalifiki formali. L-awtorità fl-Istat Membru ospitanti ma jibqax ikollha tivverifika l-kwalifiki, u b'hekk tkun f'qagħda li toħroġ deċiżjoni ta' rikonoxximent fi żmien ferm iqsar (ngħidu aħna, f'ġimagħtejn flok it-tliet xhur li bħalissa huma permessi mid-Direttiva)[12].

Anki fis-sistema ġenerali, fejn il-kwalifiki jiġu vverifikati każ b'każ, tessera tista' tissemplifika u tħaffef il-proċedura ta' rikonoxximent, billi l-verifika inizjali titwettaq mill-awtorità li toħroġ it-tessera. B'hekk, il-proċeduri jistgħu jiqsaru sa massimu ta' xahar, flok il-massimu attwali ta' erba' xhur[13].

Tessera professjonali tkun toffri vantaġġi wkoll għal min jirċievi s-servizzi, speċjalment fejn tidħol it-trasparenza. Huwa u juri t-tessera, il-professjonist ikun qed joffri garanzija li huwa kompetenti biex jeżerċita l-professjoni. Barra minn hekk, tista' tinħoloq sistema li tippermetti lill-konsumaturi u lill-impjegaturi jivverifikaw il-validità tat-tessera (eż. permezz ta' kuntatti diretti mal-awtorità kompetenti).

Il-ħidma tal-grupp ta' tmexxija, u studji ta' każijiet pilota

It-tessera professjonali Ewropea ma tkunx obbligatorja. Il-professjonisti mobbli li jkunu interessati għandu jkollhom il-possibbiltà, iżda l-ebda obbligu, li japplikaw għal tali tessera. Il-Kummissjoni diġà waqqfet Grupp ta' Tmexxija dwar it-tessera professjonali għal partijiet determinati li wrew interess. Dan il-Grupp huwa magħmul minn rappreżentanti ta' professjonijiet differenti, awtoritajiet kompetenti, u sindikati. Il-Grupp beda xogħlu fil-bidu ta' Jannar 2011, u mistenni jressaq konklużjonijiet konkreti sa Ottubru ta' din is-sena. Il-Grupp qiegħed jikkunsidra l-valur miżjud u l-effetti legali possibbli ta' tali tessera. Studja wkoll proġetti diġà eżistenti ta' tesseri professjonali, kif ukoll strumenti simili li jistgħu jkunu ta' siwi fil-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini (bħal-liċenzja tas-sewqan Ewropea, il-Karta tal-

---

12 Anki jekk ir-rwol imsaħħaħ tal-pajjiż ta' tluq aktarx ikun jitlob l-użu ta' riżorsi amministrattivi, din l-istrateġija għandha tnaqqas ix-xkiel ġenerali li jeżisti bħalissa, billi jkun iktar faċli għall-pajjiż ta' tluq jivverifika l-kwalifiki fil-pajjiż stess u fil-lingwi tiegħu stess, u b'hekk jitnaqqsu l-ispejjeż imġarrba minħabba l-verifika mtennija.

13 Mill-ġdid, l-awtorità tal-pajjiż ta' tluq ikollha tqatta' iktar ħin tivverifika l-informazzjoni. Madankollu, il-proċedura globali għandha tiqsar, billi l-awtorità ta' tluq tinsab fl-aqwa qagħda biex twettaq tali verifiki (għal raġunijiet lingwistiċi, għall-kontroll tal-validità tad-dokumenti amministrattivi, eċċ.).

Assigurazzjoni tas-Saħħa tal-UE, jew il-Passaport Ewropew tal-Ħiliet li ġej fil-futur). Il-Grupp ta attenzjoni kbira lill-isfidi tal-implimentazzjoni tat-tessera, inklużi l-kwistjonijiet tal-kontenut u l-format tagħha, u l-aqwa mod biex tiġi żgurata l-fiduċja fiha. Ir-riżultati se jiġu ppreżentati fil-Forum tas-Suq Uniku, li se jsir fit-3 u l-4 ta' Ottubru fi Krakovja, il-Polonja.

Fid-dawl tal-kundizzjonijiet diverġenti għall-aċċess għal kull professjoni u għall-eżerċizzju tagħhom, il-Grupp ta' Tmexxija qies li jkun siewi li jiġu stabbiliti studji ta' każijet li jinvolvu għażla ta' professjonijiet partikulari: inġiniera, tobba, infirmiera, fiżjoterapisti, u gwidi turistiċi.

Mistoqsija 1: Għandek xi kummenti x'tgħaddi dwar ir-rwoli rispettivi tal-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru ta' tluq u fl-Istat Membru ospitanti?

Mistoqsija 2: Taqbel li tessera professjonali jista' jkollha l-vantaġġi li ġejjin, skont l-objettivi tad-detentur tat-tessera?

a) Id-detentur tat-tessera jiċċaqlaq fuq bażi temporanja (mobbiltà temporanja):

- Għażla 1: it-tessera tissostitwixxi d-dikjarazzjoni li l-Istati Membri bħalissa jistgħu jitolbu skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva.

- Għażla 2: jinżamm ir-reġim tad-dikjarazzjoni, iżda t-tessera tista' tiġi ppreżentata flok dokumenti ta' akkumpanjament.

b) Id-detentur tat-tessera tfittex ir-rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifiki tiegħu: il-preżentazzjoni tat-tessera tħaffef il-proċedura tar-rikonoxximent (l-Istat Membru ospitanti għandu jieħu deċiżjoni fi żmien ġimagħtejn, flok tliet xhur).

c) Id-detentur tat-tessera jfittex ir-rikonoxximent tal-kwalifiki tiegħu, li ma jkunux soġġetti għar-rikonoxximent awtomatiku (is-sistema ġenerali): il-preżentazzjoni tat-tessera tħaffef il-proċedura tar-rikonoxximent (l-Istat Membru ospitanti għandu jieħu deċiżjoni fi żmien xahar, flok erba' xhur).

2.2. Enfasi fuq l-attivitajiet ekonomiċi: il-prinċipju tal-aċċess parzjali

Il-professjonisti jistgħu jiltaqgħu ma' diffikultajiet bir-rikonoxximent tal-kwalifiki tagħhom jekk l-ambitu tal-attivitajiet ekonomiċi mwettqa bħala parti mill-professjoni tagħhom ikun b'xi mod differenti bejn l-Istat Membru tagħhom u bejn l-Istat Membru li fih jixtiequ jistabbilixxu ruħhom. Dan hu l-każ, ngħidu aħna, għall-professjoni ta' "għalliem tal-isnowboard", li teżisti bħala professjoni għaliha f'ċerti Stati Membri iżda mhux f'oħrajn, fejn l-isnowboard jiġi mgħallem mill-għalliema tal-iski.

Kultant id-differenzi fl-ambitu ta' attività ekonomika koperta minn professjoni f'żewġ Stati Membri tant ikunu kbar li l-professjonisti jkollhom jgħaddu mill-programm sħiħ ta' tagħlim u taħriġ fl-Istat Membru ospitanti, sabiex jagħmlu tajjeb għad-differenzi fir-rekwiżiti tal-kwalifiki korrispondenti, bħal m'hu l-każ tal-eżempju msemmi. Fil-kunsiderazzjoni ta' din il-kwistjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja żviluppat il-prinċipju tal-aċċess parzjali[14]. Il-Qorti sostniet li, f'ċerti kundizzjonijiet, l-Istati Membri għandhom jippermettu t-twettiq parzjali tal-professjoni fuq talba tal-professjonist. Madankollu, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti, tali ħarsien ta' min jirċievi s-servizzi u tal-konsumaturi b'mod ġenerali jista' jiġġustifika restrizzjonijiet proporzjonali fuq il-libertà tal-istabbiliment u l-libertà tal-forniment ta' servizzi, dejjem jekk

[14] Colegio de Ingenieros de Caminos, Canales y Puertos, Każ C-330/03 tad-19 ta' Jannar 2006, *Ġabra tal-Ġurisprudenza tal-QEĠ 2006, p. I-801.*

tali miżuri jkunux meħtieġa u proporzjonali għall-għan aħħari tagħhom.

L-introduzzjoni ta' dan il-prinċipju fid-Direttiva kieku twessa' s-salvagwardji offruti lill-professjonisti, bħall-iskadenzi li jkollhom jirrispettaw l-Istati Membri biex joħorġu d-deċiżjonijiet dwar ir-rikonoxximent ukoll lil dawk il-professjonisti li jilħqu l-kundizzjonijiet għall-aċċess parzjali.

Direttiva modernizzata tista' wkoll tikkonferma l-kriterji li skonthom japplika l-prinċipju ("approċċ ibbażat fuq kriterji"), bi qbil mal-ġurisprudenza. Skont il-Qorti, il-prinċipju tal-aċċess parzjali japplika fejn huwa possibbli li l-attività ekonomika li l-professjonist jixtieq jeżerċita fl-Istat Membru ospitanti tintgħażel b'mod oġġettiv mill-bqija tal-attivitajiet koperti minn professjoni fl-istess Stat Membru. Wieħed mill-kriterji deċiżivi huwa jekk dik l-attività ekonomika tistax tiġi eżerċitata, b'mod independenti jew anonimu, fl-Istat Membru fejn tkun inkisbet il-kwalifika professjonali. Pereżempju, inġinier speċjalizzat fl-idrawlika f'ċertu Stat Membru, li jixtieq jaħdem fi Stat Membru fejn l-attivitajiet tiegħu jitwettqu minn inġiniera bi kwalifiki usa' li jaħdmu wkoll fit-toroq, fil-fliegi u fil-portijiet, aktarx jista' jikseb aċċess parzjali għall-professjoni fl-Istat Membru ospitanti. F'dan il-każ, ikun awtorizzat biss li jwettaq attivitajiet marbutin mal-idrawlika.

Jistgħu jsiru eċċezzjonijiet għal dan il-prinċipju, jekk ikunu ġġustifikati minn raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali, li jkunu jixirqu sabiex jiġi żgurat il-ksib tal-għan ta' interess ġenerali, mingħajr ma jmorru lil hinn minn dak li jkun meħtieġ biex dan jinkiseb.

Mistoqsija 3: Taqbel li jkun hemm vantaġġi importanti f'li jiddaħħal fid-Direttiva l-prinċipju tal-aċċess parzjali, u kriterji speċifiċi għall-applikazzjoni tiegħu? (Jekk jogħġbok agħti raġunijiet speċifiċi għal kwalunkwe deroga mill-prinċipju.)

2.3. Ir-ristrutturazzjoni tal-pjattaformi komuni

Illum hemm għadd limitat ħafna ta' professjonijiet li jgawdu l-benefiċċji tar-rikonoxximent awtomatiku. Ħafna professjonijiet fis-"sistema ġenerali" jixxenqu għal mekkaniżmu simili li jiffaċilita l-mobbiltà tagħhom. L-Artikolu 15 tad-Direttiva joffri l-possibbiltà li jiġu adottati pjattaformi komuni. L-għan ta' dawn il-pjattaformi jkun li l-miżuri kumpensatorji għad-differenzi fil-professjonijiet ta' bejn Stat Membru u ieħor (eżami jew perjodu ta' adattament) isiru żejda. Mhix kwistjoni ta' għodda għar-rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifiki. Għaldaqstant, sal-lum ma ġiet żviluppata l-ebda pjattaforma komuni dwar il-miżuri kumpensatorji, u hemm kunsens wiesa' li ma teżistix bażi li fuqha jista' jissejjes iktar progress. Il-kunċett attwali tal-pjattaformi komuni huwa falliment. Fil-ġejjieni, il-kunċett ikollu jitwessa' sabiex jiftaħ u iwitti t-triq lejn ir-rikonoxximent awtomatiku.

Il-Kummissjoni tixtieq twieġeb għad-domanda għal mobbiltà eħfef billi tippermetti rikonoxximent b'ħafna inqas xkiel. Approċċ ġdid lejn il-pjattaformi komuni jista' jindirizza dan il-għan. Ikunu jistgħu joperaw b'mod simili ħafna għas-sistema ta' rikonoxximent awtomatiku għat-tobba, id-dentisti, l-infirmiera, il-qwiebel, l-ispiżjara, il-veterinarji u l-periti, iżda mingħajr il-bżonn tas-sehem tal-Istati Membri kollha, jew saħansitra l-Istati Membri kollha involuti bħalissa skont l-Artikolu 15. L-għatba (*threshold*) tkun tista' titbaxxa sa terz mill-Istati Membri (jiġifieri disgħa mis-27) flok iż-żewġ terzi, sabiex jittejbu l-opportunitajiet għall-ħolqien ta' pjattaformi komuni. Jiġi stabbilit ukoll biċ-ċar li kwalunkwe Stat Membru li ma jiħux sehem ikun liberu li jingħaqad ma' pjattaformi komuni iktar 'il quddiem.

Kull pjattaforma ġdida tkun soġġetta għal test tas-suq intern. Dan ikun jiżgura li l-

kundizzjonijiet miftiehma jkunu proporzjonati, u li l-pjattaforma komuni ma fihiex dettall eċċessiv sal-punt li ssir xkiel għall-mobbiltà tal-professjonisti minn Stati Membri mhux parteċipi, li jkunu jixtiequ jeżerċitaw id-dritt tagħhom tal-moviment ħieles fis-Suq Uniku. It-test tas-suq intern jista' jiġu pprovdut mill-assoċjazzjonijiet professjonali interessati, u jista' jgħin, b'mod partikulari, biex jiċċara jekk l-esperjenza professjonali tkunx tippermetti lil professjonist li jkun ġej minn Stat Membru mhux parteċipi li jidħol fil-professjoni f'pajjiż parteċipi.

Fl-aħħar nett, il-pjattaformi komuni jkollhom jiġu appoġġati mhux biss mill-organizzazzjonijiet professjonali, iżda wkoll, fit-tieni stadju, minn tal-anqas disa' Stati Membri. Abbażi ta' proposta mingħand assoċjazzjoni professjonali, u bl-appoġġ meħtieġ ta' għadd suffiċjenti ta' Stati Membri, il-Kummissjoni saflaħħar tkun tinstab f'qagħda li ssostni pjattaforma komuni permezz ta' att delegat, li l-qafas tiegħu tkun tista' tistupulah id-Direttiva modernizzata. Eżempju ta' ħidma li għaddejja fuq pjattaforma komuni hija waħda għall-għalliema tal-iski.

Mistoqsija 4: Taqbel mal-idea li titbaxxa l-għatba attwali ta' żewġ terzi mill-Istati Membri għal terz (jiġifieri disgħa mis-27 Stat Membru) bħala kundizzjoni għall-ħolqien ta' pjattaforma komuni? Taqbel mal-ħtieġa ta' test tas-suq intern (abbażi tal-prinċipju tal-proporzjonalità) sabiex jiġi żgurat li pjattaforma komuni ma tikkostitwix xkiel għall-fornituri ta' servizzi minn Stati Membri mhux parteċipi? (Jekk jogħġbok agħti argumenti speċifiċi favur jew kontra dan l-approċċ.)

2.4. Il-kwalifiki professjonali fil-professjonijiet regolati

L-Att tas-Suq Uniku jipprovdi għal valutazzjoni iktar fil-fond tar-riżervi ta' attivitajiet marbutin mal-kwalifiki professjonali. Isejjaħ ukoll għal reviżjoni tal-ambitu tal-professjonijiet regolati. Illum, is-27 Stat Membru jirregolaw madwar 4.700 professjoni abbażi ta' kwalifika professjonali. Dawn il-professjonijiet jistgħu jinġabru f'madwar 800 kategorija differenti. Id-Direttiva tal-Kwalifiki Professjonali s'issa toffri mekkaniżmu ta' rikonoxximent reċiproku, li b'mod ġenerali, jaħdem sew għall-biċċa l-kbira minnhom. Filwaqt li l-Istati Membri huma ħielsa li jiddefinixxu r-rekwiżiti tal-kwalifiki għall-aċċess għal ċerti professjonijiet bħala għodda biex jinkisbu għanijiet ta' politika pubblika rrelatati ma' ċerta attività ekonomika, eż. il-ħtieġa li tiġi żgurata s-sikurezza jew is-sigurtà tal-professjoni, f'ċerti każijiet, ir-rekwiżiti tal-kwalifiki jistgħu jkunu sproporzjonati, jew ma jkunux meħtieġa għall-ksib tal-għanijiet ta' politika pubblika, u jistgħu jwasslu għal xkiel għall-moviment ħieles taċ-ċittadini tal-UE. M'hemmx xi ngħidu, jista' jkun hemm ukoll każijiet fejn ċittadin tal-UE li diġà jwettaq attività ekonomiku fl-Istat Membru tal-oriġni tiegħu jħabbat wiċċu ma' rekwiżit ta' kwalifika fi Stat Membru ospitanti, b'tali livell jew ta' tali natura li ma jkunx f'qagħda li jegħleb id-diffikultajiet tiegħu permezz ta' eżami jew apprentist (l-hekk imsejħa miżuri kumpensatorji) kif ipprovdut fid-Direttiva tal-Kwalifiki Professjonali, u lanqas ma jkun f'qagħda li jitlob l-aċċess parzjali skont il-ġurisprudenza tal-Qorti (ara t-taqsima 2.2 għal aktar tagħrif). Għaldaqstant, dan iċ-ċittadin ma jkunx jifdallu għażla oħra ħlief li jgħaddi mit-taħriġ kollu meħtieġ biex jikseb il-kwalifika domestika f'dak l-Istat Membru ospitanti.

Mistoqsija 5: Taf b'xi professjonijiet regolati fejn iċ-ċittadini tal-UE aktarx jaffaċċjaw tali sitwazzjonijiet? Jekk jogħġbok fisser fiex jikkonsistu l-professjoni u l-kwalifiki, u għal liema raġunijiet dawn is-sitwazzjonijiet ma jkunux ġustifikabbli.

3. NIBNU FUQ IS-SUĊĊESSI

3.1. L-aċċess għall-informazzjoni u l-gvern-e

Il-professjonisti li jixtiequ jaħdmu fi Stat Membru ieħor jeħtieġ li jkunu jafu u jifhmu r-regoli li japplikaw għalihom. Il-valutazzjoni tad-Direttiva, speċifikament il-konsultazzjoni pubblika li saret fil-bidu tal-2011, kixfet li din hija problema ewlenija għal ħafna partijiet interessati. B'mod partikulari, uħud minn dawk ikkonsultati indikaw nuqqas ta' ċarezza rigward liema awtorità għandha r-responsabbiltà li tirrikonoxxi l-kwalifiki professjonali tagħhom, u rigward liema dokumenti għandhom jitressqu. In-nuqqas ta' informazzjoni dwar x'għandu jitressaq, u lil liema awtorità, ixejjen sikwit il-għan li tinkiseb deċiżjoni rapida min-naħa tal-Istat Membru ospitanti.

Sfida marbuta ma' dan tikkonċerna l-possibbiltà li l-professjonisti jgawdu minn mezz iktar komdu u effiċjenti biex jimlew l-applikazzjoni għar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali tagħhom, u li jirċievu d-deċiżjoni tar-rikonoxximent permezz ta' websajts ta' gvern-e.

Direttiva modernizzata tkun tista' tipprevedi li kull Stat Membru jqiegħed għad-dispożizzjoni punt ta' aċċess ċentrali b'tagħrif komplut dwar l-awtoritajiet kompetenti u r-rekwiżiti ta' dokumentazzjoni għar-rikonoxximent tal-kwalifiki tal-professjonisti kollha, irrispettivament mill-professjoni jew mir-reġjun li jkun beħsiebhom jeżerċitawha. B'dan il-mod tiġi indirizzata l-ewwel sfida. Jekk ikunu jaf bil-quddiem, u bl-eżatt, id-dokumenti li għandhom iressqu, il-professjonisti jgawdu minn iktar trasparenza, u jiġu evitati sitwazzjonijiet fejn l-awtoritajiet kompetenti joqogħdu lura milli jieħdu deċiżjoni formali bil-pretest li l-fajl tal-professjonist migrant mhuwiex komplut (ara l-Artikolu 51(2) tad-Direttiva).

Pass ieħor, li jkompli jibni fuq il-punti ta' aċċess ċentrali, jista' jkun li tingħata lill-professjonisti l-possibbiltà li jwettqu l-proċeduri kollha marbutin mar-rikonoxximent tal-kwalifiki tagħhom fuq l-internet. B'hekk tiġi indirizzata t-tieni sfida.

Dawn is-soluzzjonijiet kif jistgħu jindirizzaw fil-prattika ż-żewġ sfidi? L-ewwel għażla tkun li nkomplu nibnu fuq il-punti ta' kuntatt nazzjonali skont l-Artikolu 57 tad-Direttiva, li diġà jinfurmaw u jgħinu lill-professjonisti li jkunu qed ifittxu r-rikonoxximent tal-kwalifiki tagħhom. Bħalissa, il-kompiti tagħhom jikkonsistu fuq kollox fl-għoti ta' pariri bl-ittra jew bit-telefon, pjuttost milli jiżguraw b'mod proattiv l-aċċess għall-informazzjoni, għaċ-ċittadini tal-UE li jkunu interessati fil-mobbiltà professjonali, dwar id-dokumenti meħtieġa u l-awtorità kompetenti. Fil-ġejjieni, il-punti ta' kuntatt nazzjonali jistgħu wkoll jorganizzaw il-punt ta' aċċess ċentrali għall-informazzjoni, u jikkoordinaw, flimkien mal-awtoritajiet kompetenti, il-faċilitajiet ta' gvern-e li jippermettu li l-formalitajiet jitwettqu bl-internet.

Għażla oħra tkun li nkomplu nibnu fuq il-punti ta' kuntatt uniku pprovduti mid-Direttiva tas-Servizzi[15]. Dawn il-punti ta' kuntatt uniku huma intenzjonati biex jiġu żviluppati bis-sħiħ fil-forma ta' portali ta' gvern-e, li jippermettu lill-fornituri tas-servizzi jiksbu faċilment kwalunkwe tagħrif relevanti rigward l-attivitajiet tagħhom (regolamenti, proċeduri, skadenzi, eċċ.). Barra minn hekk, il-punti ta' kuntatt uniku jippermettu lill-fornituri tas-servizzi jwettqu b'mod elettroniku l-proċeduri amministrattivi kollha meħtieġa għall-aċċess għal attività ta' servizz u l-eżerċizzju tagħha, inklużi l-proċeduri għar-rikonoxximent tal-kwalifiki, aspett li huwa essenzjali biex jitqassru l-proċeduri u jeħfief ix-xkiel marbut mal-formalitajiet

[15] Id-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36).

amministrattivi. Illum, il-punti ta' kuntatt uniku huma miftuħin għall-fornituri tas-servizzi (inkluż għall-persunal issekondat u l-professjonisti li jaħdmu għal rashom) koperti mid-Direttiva tas-Servizzi[16], iżda l-ambitu tagħhom jista' jitwessa' jekk l-Istat Membru jqis li dan ikun xieraq biex jitkoprew l-attivitajiet professjonisti kollha, u mhux biss dawk li tapplika għalihom id-Direttiva tas-Servizzi. Fl-istess nifs, l-Istati Membri jistgħu jibnu fuq l-esperjenza tagħhom mal-punti ta' kuntatt uniku billi jkomplu jiżviluppaw faċilitajiet onlajn li jissemplifikaw u jħaffu l-proċeduri għar-rikonoxximent tal-kwalifiki tal-professjonisti kollha, filwaqt li jirrispettaw il-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tad-dejta, speċifikament id-Direttiva 95/46/KE[17].

Fl-aħħar nett, bil-għan li jinħolqu sinerġiji, ikun importanti li tiġi żgurata kooperazzjoni fil-qrib bejn il-faċilitajiet ta' gvern-e tal-Istati Membru u bejn il-portal "L-Ewropa Tiegħek", li għandu l-għan li jsir punt ta' aċċess uniku għat-tagħrif kollu siewi dwar id-drittijiet tal-UE[18] u l-isfidi tal-implimentazzjoni tagħhom.

Mistoqsija 6: Taqbel li l-Istati Membri jkunu obbligati li jiżguraw li t-tagħrif dwar l-awtoritajiet kompetenti u d-dokumenti meħtieġa għar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali jkun disponibbli permezz ta' punt ta' aċċess ċentral f'kull Stat Membru? Taqbel li l-Istati Membri jkunu obbligati li jippermettu li l-proċeduri għar-rikonoxximent isiru fuq l-internet, għall-professjonisti kollha? (Jekk jogħġbok agħti argumenti speċifiċi favur jew kontra dan l-approċċ.)

3.2. Il-mobbiltà temporanja

Fl-2005 ddaħħal reġim ġdid biex jiffaċilita l-forniment temporanju ta' servizzi. Fil-qafas ta' dan ir-reġim ġdid, għall-professjonist li jixtieq jipprovdi servizzi fuq bażi temporanja filwaqt li jżomm l-istabbiliment tiegħu fl-Istat Membru tad-domiċilju, ma jeżistix l-obbligu li jgħaddi minn proċeduri ta' rikonoxximent formali fl-Istat Membru ospitanti. L-Istati Membri jistgħu jitolbu biss dikjarazzjoni prevja sostnuta minn għadd ta' dokumenti li għandhom jintbagħtu lill-awtorità kompetenti, jekk ikun meħtieġ. Għadd sinifikanti ta' Stati Membri jagħmlu użu wiesa' minn din l-għażla.

Kwistjoni ewlenija hija kif għandhom jiġu indirizzati dawk is-sitwazzjonijiet fejn professjonist minn Stat Membru li fih il-professjoni tiegħu ma tkunx irregolata jittrasferixxi ruħu b'mod temporanju għal Stat Membru ieħor fejn il-professjoni hija rregolata. F'każijiet bħal dawn, ir-reġim ġdid japplika biss għal min jista' jagħti prova ta' sentejn esperjenza professjonali, jew evidenza talli jkun segwa "tagħlim u taħriġ irregolat". Ċerti partijiet interessati qed isejħu għal iktar għażla għall-konsumaturi, li tista' tinkiseb billi jitwessa' l-ambitu tar-reġim, li jsir iktar flessibbli. Oħrajn jibżgħu mill-abbuż li jista' jsir, pereżempju tal-hekk imsejjaħ "forum shopping". Il-modernizzazzjoni għandha ssib il-bilanċ xieraq bejn dawn il-pożizzjonijiet leġittimi.

---

16 Ara d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni dwar it-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tad-Direttiva, SEC(2010) 1292, 22.10.2010, http://ec.europa.eu/internal_market/qualifications/docs/evaluation/staff-working-doc_en.pdf.

17 Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' [dejta] personali u dwar il-moviment ħieles ta' tali [dejta] (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31).

18 Il-portal 'L-Ewropa tiegħek' (europa.eu/youreurope) huwa żviluppat mill-Kummissjoni, bi sħab mal-Istati Membri. Il-Bord Editorjali ta' dan il-portal, magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri, għandu jiżgura li t-tagħrif relevant fuq il-livell nazzjonali jkun disponibbli permezz tal-portal, u li jeżistu links veri u tajbin bejn il-portal 'L-Ewropa tiegħek' u l-portali ta' informazzjoni nazzjonali.

3.2.1. Konsumaturi li jaqsmu l-fruntieri

Ir-regola tas-sentejn (l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva) hija ġeneralment aċċettata, għaliex tħares lill-konsumaturi fl-Istati Membri fejn il-professjoni tkun irregolata. Madankollu, din ir-regola tista' tkun sproporzjonata fil-każ ta' konsumaturi li jivvjaġġaw mill-pajjiż tad-domiċilju tagħhom għal Stat Membru ieħor, u fejn tali konsumaturi ma jkunux għażlu professjonist fl-Istat Membru fejn marru iżda lil professjonist mill-Istat Membru li ġew minnu, ngħidu aħna, grupp ta' turisti li għażlu gwida turistiku fil-pajjiż li minnu bdew il-vjaġġ. F'dan il-każ, il-professjonist ikkonċernat ma għandux kuntatt ma' konsumaturi lokali fl-Istat Membru ospitanti. Għalhekk, li jintalbu dikjarazzjoni prevja u sentejn esperjenza professjonali ma jistax jiġi ġġustifikat bil-pretest tal-protezzjoni tal-konsumaturi. Ir-rispett lejn l-għażla tal-konsumaturi għandu jipprevali fuq il-beżgħat dwar il-"forum shopping", li ma jidhirx li huma relevanti f'dawn is-sitwazzjonijiet[19]. Għaldaqstant, rekwiżit ta' dikjarazzjoni prevja jidher li ma jkunx meħtieġ. L-għażla tal-konsumaturi tkun limitata biss fejn is-sogri għas-saħħa pubblika jew għas-sikurezza tal-konsumaturi diġà jiġġustifikaw verifika prevja tal-kwalifiki (skont l-Artikolu 7(4) tad-Direttiva attwali).

Mistoqsija 7: Taqbel li r-rekwiżit ta' sentejn esperjenza professjonali, fil-każ ta' professjonist li jkun ġej minn Stat Membru fejn il-professjoni tiegħu mhijiex irregolata, għandu jitneħħa jekk il-professjonist ikun qed jakkumpanja klijent? Taħseb li l-Istat Membru ospitanti għandu jibqa' intitolat li jitlob dikjarazzjoni prevja f'dan il-każ? (Jekk jogħġbok agħti argumenti speċifiċi favur jew kontra dan l-approċċ.)

3.2.2. Il-kwistjoni tat-"tagħlim u taħriġ irregolat"

Il-professjonisti li jkunu kkompletaw "tagħlim irregolat" huma wkoll eżenti mir-rekwiżit ta' sentejn esperjenza professjonali. Id-Direttiva tiddefinixxi t-"tagħlim irregolat" b'mod pjuttost restrittiv, bħala edukazzjoni li tinvolvi taħriġ li jkun orjentat speċifikament lejn l-eżerċizzju ta' professjoni partikulari, b'referenza għal każijiet speċifiċi msemmija fl-Anness III tad-Direttiva.

Madankollu, id-dinja tat-tagħlim qiegħda tinbidel, u jeħtieġ li d-Direttiva tlaħħaq ma' dawn il-bidliet. Bil-għan li jtejbu l-impjegabbiltà f'perspettiva ta' tagħlim tul il-ħajja, il-politiki tal-edukazzjoni u tat-taħriġ jimmiraw dejjem aktar lejn l-iżvilupp ta' ħiliet li jkunu ġeneralment "trasferibbli" (eż. il-komunikazzjoni, l-immaniġġjar), flimkien ma' ħiliet marbutin ma' xogħlijiet speċifiċi (ħiliet tekniċi). F'dan il-kuntest, ma tantx ikun ġustifikabbli li n-nozzjoni tat-tagħlim u t-taħriġ irregolat tiġi llimitata għal dawk li jkunu orjentati speċifikament lejn ċerta professjoni (ara l-Artikolu 3(i)(e) tad-Direttiva). In-nozzjoni ta' edukazzjoni rregolata tista' titwessa' biex tħaddan kull tagħlim u taħriġ rikonoxxut minn Stat Membru u li jkun relevanti għall-professjoni. Il-Suppliment tad-Diploma Europass[20] jew is-Suppliment taċ-Ċertifikat Europass[21] jistgħu jintużaw minn istituzzjonijiet tat-taħriġ biex jagħtu tagħrif dwar

---

19 Idealment, dawn il-professjonisti jkollhom tessera professjonali Ewropea. .

20 Is-Suppliment tad-Diploma Europass jinħareġ lil gradwati ta' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja flimkien mal-lawrja jew diploma tagħhom. Dan jgħin biex jiżgura li l-kwalifiki tal-edukazzjoni għolja jkunu mifhuma aħjar, speċjalment barra mill-pajjiż fejn ikunu ngħataw. Ara http://europass.cedefop.europa.eu/europass/home/vernav/InformationOn/EuropassDiplomaSupplement.csp?loc=mt_MT.

21 Is-Suppliment taċ-Ċertifikat Europass jinħareġ lil persuni li jkollhom ċertifikat ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali; iżid tagħrif ma' dak diġà inkluż fuq iċ-ċertifikat uffiċjali, b'mod li jinftiehem aħjar,

il-kontenut u l-għanijiet tal-programmi relevant. B'definizzjoni riveduta tat-tagħlim u t-taħriġ irregolat, iktar professjonali li jkunu segwew l-edukazzjoni xierqa jistgħu jgawdu mir-reġim iktar flessibbli tal-mobbiltà temporanja. Fl-istess ħin, l-Istati Membri jkunu intitolati li jibqgħu jitolbu dikjarazzjoni prevja annwali fil-qafas ta' Direttiva modernizzata (għajr f'każijiet fejn din tkun żejda bis-saħħa tat-tessera professjonali).

Mistoqsija 8: Taqbel li n-nozzjoni ta' "tagħlim u taħriġ irregolat" tista' tħaddan it-taħriġ kollu rikonoxxut minn Stat Membru li jkun relevanti għal professjoni, u mhux biss it-taħriġ li jkun espliċitament orjentat lejn professjoni speċifika? (Jekk jogħġbok agħti argumenti speċifiċi favur jew kontra dan l-approċċ.)

3.3. It-twessigħ tas-sistema ġenerali

3.3.1. Il-livelli ta' kwalifika

L-Artikolu 11 tad-Direttiva tistipula ħames livelli ta' kwalifika, ibbażati fuq it-tip u d-dewmien tat-taħriġ. Meta professjonist japplika għar-rikonoxximent tal-kwalifiki tiegħu għal professjoni fil-qafas tas-sistema ġenerali, l-awtorità kompetenti għandha tuża dawn il-livelli sabiex tiddetermina jekk l-applikant jistax igawdi mid-Direttiva. Bħalissa, jekk ikun hemm differenza ta' żewġ livelli jew iktar bejn il-kwalifika tal-professjonist u l-kwalifika mitluba fl-Istat Membru ospitanti, id-Direttiva ma tapplikax.

Barra minn hekk, il-livelli ddefiniti fl-Artikolu 11 aktarx jikkoinċidu iżda ma jaqblux b'mod preċiż mat-tmien livelli tal-Qafas tal-Kwalifiki Ewropej (EQF), li huwa msejjes fuq "riżultati tat-tagħlim", ladarba dan jiġi implimentat fl-2012[22]. Il-koeżistenza ta' żewġ sistema ta' klassifikazzjoni ġġib magħha r-riskju ta' konfużjoni għall-awtoritajiet kompetenti u għal partijiet oħra interessati. Bħalissa, studju kkummissjonat mid-DĠ għas-Suq Intern u s-Servizzi qiegħed jivvaluta l-benefiċċji u l-limiti ta' dawn is-sistemi differenti ta' klassifikar għall-għanijiet tar-rikonoxximent. Ir-riżultati ta' dan l-istudju ser ikunu disponibbli fil-ħarifa.

Triq possibbli tkun li jiġi evitat kwalunkwe klassifikar tal-kwalifiki li jeskludi ċerti professjonijiet mill-ambitu tad-Direttiva. Soluzzjoni minnhom tista' tkun li jitħassru l-livelli tal-kwalifiki fl-Artikolu 11 (flimkien mal-Anness II marbut miegħu). Dan ikun ifisser li l-awtoritajiet kompetenti ma jibqgħux jiddeterminaw l-eliġibbiltà ta' applikant skont il-livelli tal-kwalifiki predefiniti, iżda jkunu jistgħu jiffukaw fuq l-identifikazzjoni ta' differenzi sostanzjali fit-taħriġ sabiex jiddeċiedu jekk ikunux meħtieġa miżuri kumpensatorji. B'konsegwenza ta' dan, l-awtoritajiet kompetenti ma jkunux jistgħu jkomplu jiċħdu l-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent minħabba differenza fil-livelli tal-kwalifiki, pereżempju ta' bejn diploma universitarja u edukazzjoni sekondarja. Lanqas ma jkunu jistgħu jeskludu l-professjonisti mir-rikonoxximent tal-kwalifiki abbażi tal-esperjenza professjonali attestata minn Stat Membru (kif inhu stipulat bħalissa fl-Artikolu 11(a) tad-Direttiva). Barra minn hekk, it-tħassir ta' tali klassifikazzjonijiet ikun jagħti iktar diskrezzjoni lill-Istati Membri.

Mistoqsija 9: Taqbel li titħassar il-klassifikazzjoni stabbilita fl-Artikolu 11 (inkluż l-

---

speċjalment mill-impjegaturi jew mill-istituzzjonijiet barra mill-pajjiż fejn ikun inħareġ. Għal aktar tagħrif, ara http://europass.cedefop.europa.eu/europass/home/vernav/InformationOn/EuropassDiplomaSupplement.csp?loc=mt_MT.

[22] Ir-"rapporti ta' esperjenza" u r-reazzjonijiet għall-konsultazzjoni pubblika jissuġġerixxu li l-applikazzjoni tas-sistema abbażi ta' dawn il-livelli definiti minn qabel titqies kumplessa wisq.

Anness II)? (Jekk jogħġbok agħti argumenti speċifiċi favur jew kontra dan l-approċċ.)

3.3.2. Miżuri kumpensatorji

It-tħassir tal-Artikolu 11 ikun iġib miegħu s-sogru ta' aktar miżuri kumpensatorji. Jekk l-Artikolu 11 jitħassar, għażla possibbli tkun li s-sistema ta' miżuri kumpensatorji tiġi organizzata mill-ġdid, fuq erba' fażijiet:

1) L-Artikolu 14(1) tad-Direttiva jiddefinixxi l-kundizzjonijiet li skonthom l-Istat Membru ospitanti jista' jimponi miżuri kumpensatorji. Kundizzjoni minnhom tikkonċerna t-tul ta' żmien tat-taħriġ. Bħalissa, differenza ta' mill-anqas sena fit-tul tat-taħriġ titqies bħala ġustifikazzjoni għall-miżuri kumpensatorji. Huwa dubbjuż jekk l-Artikolu 14(1)a tad-Direttiva għadux iġġustifikat.
2) L-Artikolu 13(2) tad-Direttiva jirrikjedi li l-professjonisti jkollhom mill-inqas sentejn esperjenza professjonali jekk il-professjoni tagħhom ma tkunx irregolata fl-Istat Membru tad-domiċilju tagħhom. Bħalissa, jekk ma jissodisfawx dan ir-rekwiżit, ma jistgħux jibbenefikaw mis-"sistema ġenerali". M'hemm l-ebda raġuni għala l-professjonisti b'inqas esperjenza professjonali għandhom jiġu esklużi. L-Istat Membru ospitanti jkollu jevalwaw f'kull każ il-kwalifiki eżistenti tagħhom, inklużi l-esperjenza professjonali tagħhom. Jekk il-kwalifiki jkunu sostanzjalment differenti mir-rekwiżiti nazzjonali applikabbli, l-Istat Membru ospitanti jista' jimponi miżuri kumpensatorji xierqa. Għaldaqstant, l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva jkollu jitħassar.
3) Il-Kummissjoni rċeviet għadd kbir ta' lmenti mingħand iċ-ċittadini, kontra l-fatt li l-awtoritajiet kompetenti jimponu miżuri kumpensatorji sproporzjonati. Jekk id-Direttiva modernizzata ma tibqax tinkludi klassifikazzjoni, tkun tista' tiddaħħal fiha salvagwardja ġdida li tħares liċ-ċittadini tal-UE kontra miżuri kumpensatorji arbitrarji. Meta tiġi biex timponi miżura kumpensatorja fuq applikant, l-awtorità kompetenti fl-Istat Membru ospitanti tkun tista' tiġġustifika espliċitament id-deċiżjoni tagħha fir-rigward ta':

a) id-differenzi sostanzjali bejn it-taħriġ tal-applikant u t-taħriġ meħtieġ fl-Istat Membru ospitanti (b'mod speċifiku, liema elementi tat-taħriġ mitlub fl-Istat Membri ospitanti mhumiex koperti biżżejjed mit-taħriġ tal-applikant, u għala dawn jitqiesu bħala "differenzi sostanzjali");

b) għala dawn id-differenzi sostanzjali jimpedixxu lill-professjonist jeżerċita l-professjoni tiegħu fl-Istat Membru ospitanti.

4) Fl-aħħar nett, sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-miżuri kumpensatorji, dispożizzjonijiet essenzjali tal-Kodiċi tal-Kondotta għall-prattiċi amministrattivi nazzjonali li jaqgħu taħt id-Direttiva[23] (bħar-rekwiżit li l-awtoritajiet kompetenti joffru testijiet tal-ħiliet tal-anqas darbtejn fis-sena) jistgħu jsiru obbligatorji. Madankollu, għall-partijiet kollha l-oħra, il-Kodiċi tal-Kondotta ma għandux isir obbligatorju.

Mistoqsija 10: Jekk jitħassar l-Artikolu 11 tad-Direttiva, taqbel li l-erba' passi deskritti hawn fuq jiġu implimentati f'Direttiva modernizzata? Jekk ma taqbilx mal-implimentazzjoni tal-erba' passi, taċċetta pass jew aktar minnhom? (Jekk jogħġbok agħti argumenti speċifiċi favur jew kontra kull pass.)

3.3.3. Professjonisti parzjalment ikkwalifikati

Id-Direttiva tiffaċilita l-mobbiltà tal-professjonisti kkwalifikati bis-sħiħ. Bħalissa ma tapplikax għal min ikun lesta l-istudji tiegħu, iżda għadu mhuwiex għalkollox ikkwalifikat

[23] Ara: http://ec.europa.eu/internal_market/qualifications/docs/future/cocon_mt.pdf.

biex jeżerċita l-professjoni tiegħu b'mod independenti. Madankollu, kulma ma jmur aktar u aktar persuni jixtiequ jibbenefikaw, u għandhom ikunu f'qagħda li jibbenefikaw, mis-suq intern billi jagħmlu esperjenza prattika sorveljata u mħallsa lil hinn minn pajjiżhom. Fil-każ ta' *Morgenbesser*[24], il-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat li r-regoli tat-Trattat dwar il-moviment ħieles japplikaw għal tali każijiet, u li l-Istati Membri ma jistgħux, bħala prinċipju, iwaqqfu lin-nies milli jagħmlu esperjenza prattika sorveljata u mħallsa jekk joffru din l-istess possibbiltà liċ-ċittadini nazzjonali tagħhom. L-Istati Membri għandhom iqabblu l-kwalifiki tal-applikant ma' dawk rikjesti fuq il-livell nazzjonali, sabiex jevalwaw jekk ikunux identiċi, u jekk le, mill-inqas ekwivalenti.

Bi qbil mal-ġurisprudenza ta' *Morgenbesser*, f'Direttiva modernizzata ż-żewġ prinċipji jistgħu jiġu kkonfermati: Is-salvagwardji proċedurali tad-Direttiva jistgħu jitwessgħu għall-gradwati minn taħriġ akkademiku li jixtiequ jagħmlu perjodu ta' esperjenza prattika sorveljata u mħallsa fil-professjoni barra minn pajjiżhom, bil-kundizzjoni li l-prattika sorveljata tkun offerta diġà lil ċittadini tal-Istat Membru ospitanti. Dan jikkonċerna, b'mod partikulari, l-iskadenzi applikabbli għall-awtoritajiet kompetenti biex jieħdu deċiżjoni, iżda anki l-obbligu li jikkonfermaw li jkunu rċevew l-applikazzjoni qabel skadenza determinata, u li jinfurmaw lill-applikant b'kwalunkwe dokument li jkun għadu nieqes mill-fajl tiegħu. Fl-istess nifs, id-Direttiva tista' tagħmilha ċara li l-pajjiż tad-domiċilju ma jistax jirrifjuta, bħala prinċipju, li jirrikonoxxi perjodu ta' taħriġ prattiku bil-pretest li sar f'pajjiż ieħor. Is-salvagwardji proċedurali tad-Direttiva jistgħu japplikaw f'dan il-kuntest ukoll.

Mistoqsija 11: Taqbel li jitwessgħu l-benefiċċji tad-Direttiva sabiex japplikaw għall-gradwati minn taħriġ akkademiku, li jkunu jixtiequ jagħmlu perjodu ta' esperjenza prattika sorveljata u mħallsa fil-professjoni barra minn pajjiżhom? (Jekk jogħġbok agħti argumenti speċifiċi favur jew kontra dan l-approċċ.)

3.4. Nisfruttaw il-potenzjal tal-IMI

3.4.1. Użu obbligatorju tal-IMI għal kull professjoni

Il-kooperazzjoni fost l-Istati Membri permezz tal-IMI diġà hija prattika ta' kuljum. Madankollu, l-użu tiegħu mhuwiex obbligatorju għall-awtoritajiet kompetenti fir-rigward ta' professjonisti li l-attivitajiet tagħhom huma eskluži mid-Direttiva tas-Servizzi. Il-kummenti li waslu mingħand l-awtoritajiet kompetenti fir-rapport ta' esperjenza tal-2010, kif ukoll il-konsultazzjoni pubblika, urew appoġġ wiesa' għal użu obbligatorju tas-sistema, lil hinn mill-professjonijiet koperti mid-Direttiva tas-Servizzi. Fil-kuntest tal-modernizzazzjoni tad-Direttiva, triq 'il quddiem possibbli tkun li jiġi żgurat li kull awtorità kompetenti twieġeb, permezz tal-IMI, għall-mistoqsijiet li jaslu mingħand l-awtoritajiet analogi fi Stati Membri oħra[25].

---

[24] Il-Qorti tal-Ġustizzja, it-13 ta' Novembru 2003, Każ c-313/01, Morgenbasser, Ġabra tal-QEĠ I-13467. (Din is-sentenza ġiet ikkonfermata mis-sentenza tal-Qorti fil-Każ C-345/08, Peśla v. Justizministerium Mecklenburg-Vorpommern.)

[25] Safejn din il-kooperazzjoni timplika l-ipproċessar ta' dejta personali, jeħtieġ li tkun konformi mal-liġi relevanti tal-UE, kif stabbilit fl-Artikolu 56(2) tad-Direttiva tal-Kwalifiki Professjonali, b'referenza partikulari għad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' [dejta] personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-[dejta] (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31).

3.4.2. Mekkaniżmu ta' twissija għall-professjonijiet tas-saħħa

Iktar importanti minn hekk, tista' tiddaħħal forma ta' kooperazzjoni iktar proattiva: Jeżisti diġà mekkaniżmu ta' twissija għall-professjonijiet koperti mid-Direttiva tas-Servizzi, li jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jgħarrfu 'l xulxin, taħt ċerti kundizzjonijiet, b'kwalunkwe attivitajiet ta' servizz li kapaċi jagħmlu ħsara serja lis-saħħa jew lis-sikurezza tal-persuni jew tal-ambjent. B'konsegwenza ta' dan, l-attivitajiet ta' ħaddiem tas-sengħa bħalissa jaqgħu taħt dan il-mekkaniżmu ta' twissija, iżda mhux dawk tal-professjonisti tas-saħħa, li huma barra mill-ambitu tad-Direttiva tas-Servizzi.

Liema soluzzjoni tixraq l-iżjed għall-professjonisti tas-saħħa? L-ewwel għażla tkun li l-istess mekkaniżmu ta' twissija li japplika għall-professjonijiet koperti mid-Direttiva tas-Servizzi jiġi applikat għall-professjonisti tas-saħħa: b'hekk twissija tkun limitata għal ċirkustanzi fejn ikun hemm evidenza ċara li professjonist tas-saħħa jkun qed jemigra lejn Stat Membru ieħor, minkejja li kien soġġett għal sanzjonijiet li jwaqqfuh milli jeżerċita l-professjoni tiegħu fl-Istat Membru tad-domiċilju. It-twissija tkun limitata għall-Istati Membri speċifiċi fejn ikun hemm possibbiltà suffiċjenti ta' riskji jew ta' ħsara, li jimplika li jitqies kull fattur li jista' jindika li l-professjonist kapaċi jkun attiv fi Stati Membri oħra. Għażla oħra, li għandha tħares lill-pazjenti b'mod ħafna iktar effettiv, tkun li jiddaħħal l-obbligu li li tintbagħat twissija lil kull Stat Membru ladarba professjonist tas-saħħa li jkun qed jemigra jitlef id-dritt li jeżerċita l-professjoni tiegħu minħabba sanzjonijiet fi Stat Membru. Kull miżura meħuda f'dan ir-rigward għandha tkun konformi mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, partikularment mal-ħarsien tad-dejta personali u d-dritt għal rimedju effettiv.

Mistoqsija 12: Minn dawn iż-żewġ għażliet għall-introduzzjoni ta' mekkaniżmu ta' twissija għall-professjonisti tas-saħħa fi ħdan is-sistema tal-IMI, liema tippreferi?

Għażla 1: Il-mekkaniżmu tat-twissija stabbilit bid-Direttiva tas-Servizzi jitwessa' għall-professjonisti kollha, inklużi l-professjonisti tas-saħħa. L-Istat Membru li jibgħat it-twissija jiddeċiedi lil liema Stati Membri oħra jindirizzaha.

Għażla 2: Jiddaħħal l-obbligu usa' u iktar strett li l-Istati Membri jibagħtu twissija minnufih lill-Istati Membri kollha l-oħra fil-każ li professjonist tas-saħħa jiġi pprojbit milli jeżerċita l-professjoni tiegħu minħabba sanzjoni dixxiplinarja. L-Istat Membru li jibgħat it-twissija jkun obbligat li jindirizza kull twissija lill-Istati Membri kollha l-oħra.

3.5. Rekwiżiti lingwistiċi

Skont l-Artikolu 53 tad-Direttiva, il-professjonisti jrid ikollhom l-għarfien lingwistiku meħtieġ biex jeżerċitaw l-attivitajiet tagħhom fl-Istat Membru ospitanti. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri għandhom iqisu sew il-prinċipju tal-proporzjonalità, li jeskludi l-eżamijiet sistematiċi tal-ħiliet lingwistiċi. L-ittestjar tal-għarfien lingwistiku taċ-ċittadini tal-UE interessati fil-mobbiltà professjonali, każ b'każ, aktarx ikun mod leġittimu biex iħares l-interessi tal-konsumaturi u tal-pazjenti. Madankollu, jekk l-ittestjar lingwistiku sistematiku jiġi applikat b'mod sproporzjonat, jista' jsir mezz ta' prevenzjoni inġusta għall-professjonisti barranin, li ma jkunux jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jwettqu attività professjonali. Id-dmir ewlieni li jiġi żgurat il-ksib tal-ħiliet lingwistiċi professjonali kollha meħtieġa jinsab f'idejn l-impjegaturi.

Bħalissa, f'ċerti Stati Membri, għaddej dibattitu pubbliku dwar ir-rekwiżiti lingwistiċi għall-professjonisti. Hekk kif tiżdied il-migrazzjoni tal-professjonisti tas-saħħa, il-kwistjoni tal-ħiliet lingwistiċi tagħhom kulma jmur qed issir iktar importanti, u saret taħraq partikularment fil-każ ta' professjonisti tas-saħħa li jibbenefikaw mir-rikonoxximent awtomatiku u li jiġu

f'kuntatt dirett mal-pazjenti. Għandhom ikunu soġġetti għal testijiet lingwistiċi? U jekk iva, f'liema stadju?

- Għażla minnhom tkun li jiġi ċċarat il-Kodiċi tal-Kondotta[26], u b'hekk titwitta t-triq għal adattamenti fil-ġejjieni.

Għażla oħra tkun li fid-Direttiva tiddaħħal regola li tapplika speċifikament għall-professjonisti tas-saħħa li jidħlu f'kuntatt dirett mal-pazjenti. Din id-dispożizzjoni tkun tippermetti verifika speċifika tal-ħiliet lingwistiċi meħtieġa qabel mal-professjonist tas-saħħa jidħol fl-ewwel kuntatt dirett mal-pazjenti.

Mistoqsija 13: Liema alternattiva tippreferi mit-tnejn deskritti hawn fuq?

Għażla 1: Ir-regoli eżistenti fil-Kodiċi tal-Kondotta jiġu ċċarati;

Għażla 2: Tiġi emendata d-Direttiva nfisha fir-rigward tal-professjonisti tas-saħħa li jidħlu f'kuntatt dirett mal-pazjenti u li jgawdu mir-rikonoxximent awtomatiku.

4. NIMMODERNIZZAW IR-RIKONOXXIMENT AWTOMATIKU

4.1. Approċċ għall-modernizzazzjoni fi tliet stadji

Id-Direttiva tal-Kwalifiki Professjonali tipprovdi għal sett ta' kundizzjonijiet minimi armonizzati għat-taħriġ tat-tobba, id-dentisti, l-infirmiera tal-kura ġenerali, il-qwiebel, l-ispiżjara, il-veterinarji u l-periti. Dawn ir-rekwiżiti minimi ta' taħriġ ilhom ħafna snin jintużaw bħala l-bażi għar-rikonoxximent awtomatiku. Is-sistema tar-rikonoxximent awtomatiku għal dawn il-professjonijiet jitqies ġeneralment bħala suċċess. Madankollu, uħud mill-kundizzjonijiet tat-taħriġ infushom ilhom jeżistu sa tletin sena, u ħafna partijiet interessati qegħdin isejħu għall-modernizzazzjoni tad-Direttiva. Direttiva modernizzata għandha żżomm il-prinċipji bażiċi tar-rikonoxximent awtomatiku bħala punt ta' tluq, b'mekkaniżmu flessibbli għall-aġġornament tar-rekwiżiti speċifiċi ta' taħriġ. Dan il-mekkaniżmu jkun jista' jintuża mbagħad biex ir-riformi tal-edukazzjoni li għaddejjin jevolvu progressivament lejn reġim ta' rikonoxximent awtomatiku. Fl-istess ħin, il-modernizzazzjoni għandha tqis il-progress kontinwu xjentifiku u tekniku. Għaldaqstant, il-modernizzazzjoni tista' tinkiseb fi tliet stadji:

Fl-ewwel stadju, id-Direttiva nfisha tista' tiġi emendata biex tiċċara u tadatta s-sisien tar-rekwiżiti ta' taħriġ, pereżempju billi tiċċara l-perjodi minimi ta' taħriġ u billi ssaħħaħ il-miżuri li fuqhom tistrieħ il-kwalità tas-servizzi offruti mill-professjonisti. Barra minn hekk, jeħtieġ li jinbidel il-qafas istituzzjonali sabiex jieħu post is-sistema attwali tal-komitoloġija b'atti ta' implimentazzjoni jew atti delegati[27], skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Idealment, il-Kunsill tal-Ministri u l-Parlament Ewropew jiddeċiedu dwar dawn il-

---

[26] Bħalissa, l-Istati Membri jistgħu jivverifikaw li l-professjonisti għandhom l-għarfien lingwistiku meħtieġ biex iwettqu l-attivitajiet tagħhom, iżda għandhom jagħmlu dan b'mod proporzjonat. Dan ifisser li ma jistgħux jissottomettu lill-professjonisti barranin għal testijiet lingwistiċi b'mod sistematiku. Il-professjonisti jrid ikollhom l-opportunità li jagħtu prova tal-għarfien lingwistiku tagħhom b'mezzi oħra (eż. diploma miksuba fl-ilsien relevanti, esperjenza professjonali fil-pajjiż, ċertifikat tal-lingwa eċċ.). Dan ifisser ukoll il l-livell tal-għarfien lingwistiku meħtieġ ivarja skont it-tip ta' attività u l-qafas li fih issir. Barra minn hekk, il-verifika tal-ħila lingwistika tista' ssir biss fi tmiem il-proċedura ta' rikonoxximent, u ma tistax tkun raġuni biex jiċċaħħad ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali.

[27] Ara l-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat.

bidliet, fuq proposta tal-Kummissjoni li titressaq sa tmiem l-2011. L-Att tas-Suq Uniku tat-13 ta' April jissuġġerixxi li l-qbil politiku dwar dan l-istadju jista' jinkiseb sa tmiem l-2012.

Fit-tieni stadju, il-qafas tal-atti ta' implimentazzjoni jew atti delegati ġodda jkun jista' jintuża biex jaġġorna s-suġġetti eżistenti ta' taħriġ għall-professjonijiet kollha kkonċernati, iżda wkoll biex jiġu żviluppati settijiet ta' ħiliet, fejn ikun meħtieġ. (F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li l-Kummissjoni diġà għandha s-setgħa li taġixxi bil-proċedura eżistenti tal-komitoloġija.) Il-bidliet f'dawn l-oqsma jkunu jeħtieġu l-involviment tal-awtoritajiet kompetenti li jkunu diġà bdew jikkollaboraw ma' xulxin biex jibnu l-għarfien espert, u li fl-2010 għenu b'suċċess lill-Kummissjoni fl-evalwazzjoni tad-Direttiva attwali. Dan it-tieni stadju mistenni jibda fl-2013, u jista' jintemm matul l-2014.

Fl-aħħar nett, **fit-tielet stadju**, l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti minimi ta' taħriġ tista' tkompli tittejjeb, jekk ikun meħtieġ, pereżempju billi ngħaddu minn sistema ta' sigħat ta' taħriġ għall-użu tas-Sistema Ewropea għall-Akkumulazzjoni u t-Trasferiment ta' Krediti (ECTS)[28] minn Stat Membru għal ieħor, bil-għan li jiġi ffaċilitat ir-rikonoxximent awtomatiku fil-ġejjieni. Studju estern li għaddej bħalissa dwar l-impatt tar-riformi tal-edukazzjoni[29] għandu jivvaluta l-merti potenzjali tal-użu f'dan il-qasam tal-punti ECTS. Skont ir-riżultat tal-istudju, jista' jiġi previst mekkaniżmu biex jiċċara l-għadd minimu ta' snin speċifikat f'Direttiva modernizzata f'termini ta' punti ewkivalenti tal-ECTS. Madankollu, dan ikun jeħtieġ aktar sforzi u impenn min-naħa tal-universitajiet u tal-professjonisti. L-ewwel valutazzjonijiet jistgħu jibdew fl-2014.

Mistoqsija 14: Tappoġġja approċċ għall-modernizzazzjoni tar-rekwiżiti minimi ta' taħriġ, fil-qafas tad-Direttiva, mifrux fuq dawn it-tliet stadji?

- L-ewwel stadju: reviżjoni tal-bażi, b'mod speċifiku l-perjodi minimi ta' taħriġ, u t-tħejjija tal-qafas istituzzjonali għal adattamenti fil-ġejjieni, bħala parti mill-modernizzazzjoni tad-Direttiva fis-snin 2011-2012.

- It-tieni stadju (2013-2014): nibnu fuq il-bażi riveduta, inkluża, fejn meħtieġ, ir-reviżjoni tas-suġġetti tat-taħriġ u l-ħidma inizjali fuq iż-żieda ta' kompetenzi permezz tal-qafas istituzzjonali l-ġdid. u

- It-tielet stadju (post-2014): nindirizzaw il-kwistjoni tal-krediti tal-ECTS permezz tal-qafas istituzzjonali l-ġdid.

4.2. Inżidu l-fiduċja fir-rikonoxximent awtomatiku

Fir-rapporti ta' esperjenza, ħafna awtoritajiet kompetenti appellaw għal tisħiħ tas-sistema tar-rikonoxximent awtomatiku. Uħud minnhom isostnu li fid-Direttiva teħtieġ iktar armonizzazzjoni tal-perjodi minimi ta' taħriġ, ngħidu aħna billi jiddaħħal numru ta' sigħat ta' taħriġ, jew billi jiġi ċċarat jekk għandhomx japplikaw kemm is-snin kif ukoll is-sigħat tat-taħriġ. Possibbiltà oħra tkun li jitqies liema korp jew awtorità fuq il-livell nazzjonali jkun jista' jerfa' iktar responsabbiltà biex jiżgura li l-kontenut tat-taħriġ li jwassal għal titolu professjonali determinat jissodisfa dejjem ir-rekwiżiti tad-Direttiva.

[28] Għal aktar tagħrif, ara http://ec.europa.eu/education/lifelong-learning-policy/doc48_en.htm.

[29] L-istudju, imwettaq minn GBP, se jkun ippubblikat f'Ottubru.

4.2.1. Niċċaraw l-istatus tal-professjonisti

Id-Direttiva tal-Kwalifiki Professjonali tipprovdi għal sett ta' kundizzjonijiet minimi armonizzati għat-taħriġ tat-tobba, id-dentisti, l-infirmiera tal-kura ġenerali, il-qwiebel, l-ispiżjara, il-veterinarji u l-periti. Bħalissa, dawn ir-rekwiżiti minimi ta' taħriġ huma l-unika bażi għar-rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifiki ta' dawn il-professjonisti. Id-diplomi li jattestaw l-issodisfar tar-rekwiżiti minimi ta' taħriġ huma biżżejjed biex id-detenturi tagħhom isiru stabbiliti fi Stat Membru differenti minn dak fejn ikunu kisbu l-kwalifiki. Madankollu, jistgħu jinqalgħu sitwazzjonijiet fejn id-detenturi ta' diploma jitilfu d-dritt li jeżerċitaw il-professjoni li huma kkwalifikati għaliha fl-Istat Membru tagħhom (pereżempju billi ma kkonformawx mar-rekwiżiti nazzjonali dwar l-iżvilupp professjonali kontinwu).

F'dan ir-rigward, bħalissa hemm lakuna fid-Direttiva. Fil-każ tal-forniment temporanju tas-servizzi, il-professjonisti huma obbligati li juru li għandhom id-dritt li jeżerċitaw fl-Istat Membru tad-domiċilju tagħhom u li ma jkunux ġew ipprojbiti milli jeżerċitaw, pereżempju billi ma jkunux issodisfaw ir-rekwiżiti nazzjonali ta' pajjiżhom f'dak li għandu x'jaqsam tal-iżvilupp professjonali kontinwu. Fil-każ tal-istabbiliment, ma hemm l-ebda dispożizzjoni espliċita għal rekwiżiti simili. Jista' jkun loġiku li dan ir-rekwiżit jitwessa' għal każijiet fejn professjonist ikun jixtieq jistabblixxi ruħu fi Stat Membru ieħor b'mod permanenti. Dan għandu jipprevjeni, pereżempju, li t-tobba li ma jkunux għadhom awtorizzati li jeżerċitaw fi Stat Membru wieħed jemigraw lejn Stat Membru ieħor.

Mistoqsija 15: Ladarba l-professjonisti jfittxu jistabbilixxu ruħhom fi Stat Membru differenti minn dak fejn ikunu kisbu l-kwalifiki tagħhom, iridu juru lill-Istat Membru ospitanti li għandhom id-dritt li jeżerċitaw il-professjoni tagħhom fl-Istat Membru tad-domiċilju. Dan il-prinċipju japplika fil-każ tal-mobbiltà temporanja. Taħseb li għandu jitwessa' għal każijiet fejn professjonist ikun jixtieq jistabblixxi ruħu? (Jekk jogħġbok agħti argumenti speċifiċi favur jew kontra dan l-approċċ.) Hemm bżonn li d-Direttiva tindirizza l-kwistjoni tal-iżvilupp professjonali kontinwu b'mod usa'?

4.2.2. Niċċaraw il-perjodi minimi ta' taħriġ għat-tobba, l-infirmiera u l-qwiebel

Bħalissa, għal ċerti professjonijiet settorjali, it-tul ta' żmien minimu tat-taħriġ jiġi espress fi snin jew f'sigħat ta' taħriġ. Dan jista' jwassal għal malintiż fir-rigward ta' kemm iż-żewġ kriterji jikkostitwixxu żewġ għażliet, jew jekk għandhomx jiġu applikati flimkien. Ħafna partijiet interessati jissuġġerixxu li jitgħaqqdu ż-żewġ kriterji. Direttiva modernizzata tkun tista' tiċċara dan il-punt għat-tobba, għall-infirmiera u għall-qwiebel, li għalihom diġà huma stabbiliti ż-żewġ kundizzjonijiet, ippreżentati però bħala alternattivi.

Mistoqsija 16: Tappoġġja li jiġu ċċarati r-rekwiżiti minimi ta' taħriġ għat-tobba, l-infirmiera u l-qwiebel, b'mod li jkun speċifikat li l-kundizzjonijiet f'dak li jirrigwarda s-snin u s-sigħat minimi ta' taħriġ japplikaw b'mod kumulattiv? (Jekk jogħġbok agħti argumenti speċifiċi favur jew kontra dan l-approċċ.)

4.2.3. Niżguraw konformità aħjar fuq il-livell nazzjonali

Ir-rikonoxximent awtomatiku għall-professjonijiet li għalihom ġew armonizzati r-rekwiżiti minimi ta' taħriġ jingħata abbażi tat-titoli professjonali mogħtija lil membri tal-professjonijiet, wara li jiġi ssodisfat il-kontenut minimu tat-taħriġ stipulat mid-Direttiva. Madankollu, il-kontenut tal-korsijiet ta' taħriġ jevolvi maż-żmien. Barra minn hekk, ħafna universitajiet

ilhom jimplimentaw riformi taħt il-proċess ta' Bologna[30], u dan qed iwassal għal ħafna bidliet, bħaċ-ċaqliq lejn tagħlim iċċentrat fuq l-istudenti. Dan iqajjem il-kwistjoni dwar kif l-Istati Membri jkunu jistgħu jiżguraw, fil-ġejjieni, li l-universitajiet u stabbilimenti oħra ta' tagħlim isegwu l-qafas imfassal mid-Direttiva fid-dawl tar-riformi kontinwi.

Sfida oħra tikkonċerna l-innotifikar lill-Kummissjoni, min-naħa tal-Istati Membri, dwar żviluppi ġodda, b'mod aktar speċifiku t-titoli professjonali ġodda mogħtija fl-Istat Membru. Fil-prattika, tali tagħrif sikwit jasal biss ladarba l-gradwati kkonċernati jispiċċaw l-universitajiet bid-diplomi tagħhom, u dan jillimita, għall-gradwati, il-kapaċità li jgawdu mir-rikonoxximent awtomatiku, jew tal-inqas, joħloq inċertezza kbira rigward il-moviment ħieles.

Sabiex jiġu indirizzati dawn iż-żewġ kwistjonijiet, id-Direttiva modernizzata tista' tinkludi r-rekwiżit li l-Istati Membri jinnotifikaw it-tibdiliet ġodda li jsiru fid-diplomi malli jkunu akkreditati minn istituzzjoni ta' akkreditazzjoni, jew malli jkunu ġew approvati minn korpi pubbliċi oħra, jiġifieri ħafna qabel ma l-istudenti jiggradwaw bid-diplomi tagħhom. Il-korpi maħturin (li mhux bilfors iridu jkunu ġew imwaqqfa bħala ġodda) jistgħu jassumu funzjoni ta' konformità nazzjonali, billi jiżguraw li jiġu rispettati r-rekwiżiti minimi ta' taħriġ armonizzati taħt id-Direttiva; rapport relevant mingħand il-korp li jieħu ħsieb il-konformità nazzjonali jkun jista' jinhemeż ma' kull notifika. Dawn il-bidliet mhux biss ikunu jagħtu lill-gradwati ż-żgħażagħ iktar fiduċja f'li jistgħu jibbenefikaw mir-rikonoxximent awtomatiku, iżda jkattru wkoll il-fiduċja bejn l-Istati Membri.

Mistoqsija 17: Taqbel li l-Istati Membri għandhom jibagħtu notifiki malli jkun ġie approvat programm ġdid ta' edukazzjoni u taħriġ? Tappoġġja l-obbligu li l-Istati Membri jressqu rapport lill-Kummissjoni, rigward il-konformità ta' kull programm ta' tagħlim u taħriġ li jwassal għall-kisba ta' titlu, li jkun ġie nnotifikat lill-Kummissjoni skont id-Direttiva? Taħseb li l-Istati Membri għandhom jaħtru korp li jissorvelja l-konformità nazzjonali għal dan il-għan? (Jekk jogħġbok agħti argumenti speċifiċi favur jew kontra dan l-approċċ.)

4.3. It-Tobba: Speċjalisti mediċi

Il-Kummissjoni rċeviet għadd ta' kummenti dwar it-taħriġ speċjalizzat, b'enfasi partikulari fuq żewġ kwistjonijiet. L-ewwel nett, bħalissa r-rikonoxximent awtomatiku jista' jitwessa' biss għal speċjalizzazzjonijiet ġodda, jekk l-ispeċjalizzazzjoni teżisti f'tal-anqas tnejn minn kull ħames Stat Membri. Din l-għatba tista' ġġib magħha inċentiv negattiv għall-innovazzjoni, u b'hekk tillimita l-opportunitajiet għall-introduzzjoni ta' speċjalizzazzjonijiet mediċi ġodda fid-Direttiva. Jista' jkun xieraq li titbaxxa l-għatba tal-għadd ta' Stati Membri meħtieġa, minn tnejn minn kull ħamsa għal terz. B'hekk, l-għatba għall-introduzzjoni ta' speċjalizzazzjonijiet ġodda fid-Direttiva tiġi tikkorrispondi mal-għatba proposta għall-pjattaformi komuni (ara t-taqsima 2.3).

Mistoqsija 18: Taqbel li l-għatba tal-għadd minimu ta' Stati Membri fejn teżisti l-ispeċjalizzazzjoni medika għandha titbaxxa minn tnejn minn kull ħamsa għal terz? (Jekk jogħġbok agħti argumenti speċifiċi favur jew kontra dan l-approċċ.)

It-tieni kwistjoni tikkonċerna l-qafas ġenerali għall-organizzazzjoni tat-taħriġ speċjalizzat. Id-Direttiva ftit li xejn tħalli lok għar-rikonoxximent tat-tagħlim prevju bħala parti minn taħriġ

[30] Il-Proċess ta' Bologna ġie varat fl-1999 biex jiżgura sistemi iktar komparabbli, kompatibbli u koerenti tal-edukazzjoni għolja fl-Ewropa. Għal aktar tagħrif, ara s-sit http://www.ehea.info.

fuq korsijiet li jkunu ta' livell tal-anqas ekwivalenti għat-taħriġ għal speċjalizzazzjoni determinata. Dan huwa partikularment relevanti għal speċjalizzazzjonijiet li jkunu evolvew lil hinn mill-mediċina interna jew mill-kirurġija ġenerali[31]. Jekk tabib ikun segwa taħriġ speċjalizzat u mbagħad isegwi taħriġ speċjalizzat ieħor, fil-prinċipju jkun obbligat li jsegwi l-programm ta' taħriġ sħiħ għat-tieni speċjalizzazzjoni, mill-bidu nett. Il-modernizzazzjoni tad-Direttiva tista' tkun opportunità biex tingħata lill-Istati Membri l-possibbiltà li jagħtu eżenzjonijiet parzjali minn partijiet tat-taħriġ speċjalizzat, jekk il-parti partikulari tat-taħriġ tkun diġà ġiet ikkompletata fil-kuntest ta' programm ieħor ta' taħriġ speċjalizzat.

Mistoqsija 19: Taqbel li l-modernizzazzjoni tad-Direttiva tista' tkun opportunità biex l-Istati Membri jagħtu eżenzjonijiet parzjali jekk parti mit-taħriġ diġà jkun ġie kkompletat fil-kuntest ta' programm ieħor ta' taħriġ speċjalizzat? Jekk iva, hemm xi kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati sabiex wieħed ikun jista' jibbenefika minn eżenzjoni parzjali? (Jekk jogħġbok agħti argumenti speċifiċi favur jew kontra dan l-approċċ.)

4.4. L-infirmiera u l-qwiebel

Illum, ir-rekwiżit għad-dħul fit-taħriġ tal-infirmiera huwa minimu ta' għaxar snin ta' edukazzjoni ġenerali (l-istess rekwiżit li japplika għat-taħriġ tal-qwiebel fil-qafas tal-hekk imsejjaħ taħriġ tar-'rotta I' (l-Artikolu 40(2)a)). Madankollu, matul l-aħħar tletin sena l-professjoni tal-infirmiera evolviet b'mod sinifikanti: il-kura tas-saħħa fil-komunità, l-użu ta' terapiji kumplessi u ta' teknoloġiji li jiżviluppaw il-ħin kollu, jitolbu mill-infirmiera l-kapaċità li jaħdmu b'mod iktar indipendenti. F'ħafna Stati Membri, minħabba n-nuqqas ta' tobba, l-infirmiera u l-qwiebel huma mistennijin iwettqu ċerti kompiti li qabel kienu jkunu biss f'idejn it-tobba. Hemm tħassib rigward il-fatt li l-istudenti li jidħlu fi skola tal-infermerija wara biss għaxar snin ta' edukazzjoni ġenerali ma jkollhomx l-għarfien u l-ħiliet bażiċi meħtieġa biex jibdew taħriġ li għandu jippreparahom biex jilqgħu l-bżonnijiet kumplessi tal-kura tas-saħħa. Għalhekk, għażla minnhom tkun li jintalab lill-Istati Membri li jippermettu jidħlu f'taħriġ tal-infermerija biss dawk il-kandidati li jkunu kkompletaw tal-anqas tnax-il sena ta' edukazzjoni ġenerali (u l-istess għandu japplika għat-taħriġ tal-qwiebel tar-'rotta I'). F'ħafna Stati Membri dan ir-rekwiżit diġà jeżisti. L-għażla l-oħra tkun li l-affarijiet jinżammu kif inhuma.

Mistoqsija 20: Liema alternattiva tippreferi mit-tnejn deskritti hawn fuq?

Għażla 1: Jinżamm ir-rekwiżit ta' għaxar snin ta' edukazzjoni ġenerali.

Għażla 2: Jiżdied ir-rekwiżit minimu minn għaxar snin ta' tnax-il sena ta' edukazzjoni ġenerali.

4.5. L-ispiżjara

Ir-rwol tradizzjonali tal-ispiżjara qiegħed jinbidel mis-sempliċi forniment tal-mediċina għal involviment iktar dirett mal-pazjent, li jinkludi l-għoti ta' pariri, l-għoti ta' tagħrif u anki r-reviżjoni, il-monitoraġġ u l-addattament tat-trattament fejn ikun meħtieġ. L-ispiżerija tal-

[31] F'dak li jirrigwarda l-mediċina interna, dan jikkonċerna l-11-il speċjalizzazzjoni li ġejjin: l-immunoloġija, ir-rewmatoloġija, il-mediċina respiratorja, il-gastroenteroloġija, il-kardijoloġija, l-endokrinoloġija, il-ġerijatrija, il-mard tal-kliewi, l-ematoloġija ġenerali, il-mard li jittieħed, u l-onkoloġija klinika. Marbutin mill-qrib mal-kirurġija ġenerali, ġew innutati l-11-il speċjalizzazzjoni li ġejjin: il-kirurġija plastika, il-kirurġija toraċika, il-kirurġija pedjatrika, il-kirurġija vaskulari, il-kirurġija gastroenteroloġika, il-kirurġija newroloġika, l-ortopedija, il-kirurġija tax-xedaq u tal-wiċċ, l-istomatoloġija, il-kirurġija dentali u orali, u l-uroloġija.

komunità qed issir dejjem iktar importanti. Ħafna partijiet interessati jissuġġerixxu li titwessa' l-lista tal-attivitajiet professjonali li spiżjar ikun awtorizzat li jwettaq fl-Istati Membri, stipulata fl-Artikolu 45(2) tad-Direttiva, bil-għan li jitqiesu sew dawn il-bidliet. L-iktar sikwit, il-partijiet interessati jitolbu l-inklużjoni tal-"kura farmaċewtika", l-"ispiżerija komunitarja" u l-"farmakoviġilanza" bħala attivitajiet professjonali ġodda. Barra minn hekk, ħafna partijiet interessati jipproponu li d-Direttiva (l-Artikolu 44(2)(b) attwali) tipprovdi għal perjodu obbligatorju ta' sitt xhur taħriġ prattiku, eżatt wara li jintemm it-taħriġ akkademiku, sabiex l-ispiżjara futuri jiġu ppreparati għar-rwol tagħhom.

Kwistjoni oħra hija jekk l-Istati Membri għandhomx ikunu d-dritt li jipprojbixxu lill-ispiżjara kkwalifikati bis-sħiħ, u li jkunu kisbu l-kwalifiki tagħhom fi Stat Membru ieħor, milli jiftħu spiżeriji ġodda. Bħalissa, l-Artikolu 21(4) tad-Direttiva tippermetti lill-Istati Membri jiċħdu r-rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifiki ta' spiżjar għall-istabbiliment jew għat-tmexxija ta' spiżeriji ġodda, inklużi dawk li ilhom jiftħu inqas minn tliet snin. Dan ir-riżultat imur kontra l-prinċipju ġenerali tar-rikonoxximent awtomatiku, u jirrappreżenta diskriminazzjoni kontra l-ispiżjara tal-UE. Id-diskriminazzjoni kontra ċ-ċittadini tal-UE minn Stati Membri oħra mhijiex kompatibbli mas-Suq Uniku. L-Irlanda diġà abbandunat l-applikazzjoni ta' din id-deroga, u r-Renju Unit beħsiebu jagħmel l-istess ħaġa qabel is-sajf. Bil-għan li jitħeġġeġ il-moviment ħieles tal-ispiżjara, u li l-prinċipju tar-rikonoxximent awtomatiku jkun japplika bis-sħiħ, qed jiġi propost li d-dispożizzjoni msemmija titħassar. F'kull każ, l-Artikolu 61 tad-Direttiva diġà tħalli lok għad-derogi jekk ikun hemm ħtieġa ġenwina.

Mistoqsija 21: Taqbel li titwessa' l-lista tal-attivitajiet tal-ispiżjara? Tappoġġja s-suġġeriment li jiżdied ir-rekwiżit ta' sitt xhur taħriġ, kif deskritt hawn fuq? Taqbel li jitħassar l-Artikolu 21(4) tad-Direttiva? (Jekk jogħġbok agħti argumenti speċifiċi favur jew kontra dan l-approċċ.)

4.6. Il-periti

F'ħafna Stati Membri, l-universitajiet joffru programmi ta' studju ta' mill-inqas ħames snin fl-arkitettura. Id-Direttiva ma tippreżenta l-ebda xkiel għal din ix-xejra: ir-rekwiżit ta' erba' snin taħriġ akkademiku għall-periti, stipulat fl-Artikolu 46 tad-Direttiva, huwa biss il-minimu, u l-Istati Membri u l-universitajiet jistgħu japplikaw standards iktar għoljin fit-tagħlim tal-periti futuri. Madankollu, l-organizzazzjonijiet professjonali li jirrappreżentaw lill-periti jissuġġerixxu li l-perjodu minimu ta' taħriġ skont id-Direttiva jista' jiżdied minn erba' snin sa ħamsa, sabiex jittieħed kont tal-evoluzzjoni tal-professjoni.

Il-proposta li r-rekwiżit ta' ħames snin jiġi armonizzat fuq il-livell tal-UE tqajjem kwistjonijiet li mhux lakemm jiġu solvuti. L-ewwel nett, il-Kummissjoni ma tinsabx f'qagħda li tikkonferma liema mid-diplomi diġà ppubblikati fid-Direttiva abbażi tal-konformità tagħhom mad-dispożizzjonijiet attwali jattestaw tassew taħriġ ta' ħames snin. B'riżultat ta' dan, l-armonizzazzjoni tal-perjodu minimu ta' ħames snin taħriġ tkun teħtieġ reġim ta' drittijiet miksuba għall-periti li t-taħriġ tagħhom ikun beda qabel id-dħul fis-seħħ ta' Direttiva modernizzata fl-2012 jew fl-2013, minbarra r-reġim ta' drittijiet miksuba li diġà jeżisti għall-periti mħarrġa qabel id-dħul fis-seħħ tal-ewwel Direttiva dwar il-periti tal-1985 (ara l-Artikolu 49 tad-Direttiva 2005/36/KE flimkien mal-Anness VI).

It-tieni nett, din is-soluzzjoni tkun tillimita b'mod sinifikanti l-flessibbiltà, mingħajr ma taqbad minn qrunha problema oħra marbuta mal-mobbiltà: kif għandha titqies il-prattika professjonali ssorveljata, bħala aspett tat-tagħlim fl-arkitettura li diġà huwa rikonoxxut f'ħafna Stati Membri bħala element importanti fit-taħriġ tal-periti.

Fid-dawl ta' dan l-isfond, jidher li hemm żewġ għażliet:

L-ewwel għażla tkun li jinżamm ir-rekwiżit attwali ta' erba' snin;

It-tieni għażla tkun li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva jitqarrbu lejn is-sitwazzjoni attwali f'ħafna Stati Membri, filwaqt li jitħalla lok għal ċerta flessibbiltà f'kull waħda minnhom: Sabiex igawdu mir-rikonoxximent awtomatiku, il-periti jkollhom jattestaw jew minimu ta' ħames snin taħriġ akkademiku segwit minn minimu ta' sena esperjenza prattika ssorveljata, jew minimu ta' erba' snin taħriġ akkademiku flimkien ma' minimu ta' sentejn esperjenza prattika. B'ħekk ikun jeħtieġ minimu ta' sitt snin sabiex wieħed isir perit ikkwalifikat bis-sħiħ fl-Unjoni Ewropea, u dan ikun jinkludi dejjem l-esperjenza prattika ssorveljata.

Mistoqsija 22: Liema alternattiva tippreferi mit-tnejn stipulati hawn fuq?

Għażla 1: Jinżamm ir-rekwiżit attwali ta' mill-inqas erba' snin taħriġ akkademiku.

Għażla 2: Mar-rekwiżit attwali ta' minimu ta' erba' snin taħriġ akkademiku jiżdied ir-rekwiżit ta' sentejn esperjenza prattika professjonali. Bħala għażla alternattiva, il-periti jkunu jikkwalifikaw ukoll għar-rikonoxximent awtomatiku wara li jkunu temmew programm akkademiku ta' ħames snin, flimkien ma' tal-anqas sena esperjenza prattika professjonali.

4.7. Ir-rikonoxximent awtomatiku fl-oqsma tal-artiġjanat, il-kummerċ u l-industrija

Fl-oqsma tal-artiġjanat, il-kummerċ u l-industrija, ir-rikonoxximent awtomatiku huwa suġġett għal żewġ kundizzjonijiet: (1) ċertu għadd ta' snin ta' esperjenza, li jvarja skont l-attività; u (2) identifikazzjoni ċara tal-attività professjonali, abbażi tal-Anness IV tad-Direttiva. F'dak li jirrigwarda l-ewwel kundizzjoni, il-valutazzjoni wriet li ma hemmx raġunijiet biex jinbidel l-għadd minimu ta' snin ta' esperjenza meħtieġa. Fil-każ tat-tieni kundizzjoni, hemm kunsens wiesa' filli l-Anness IV, fil-forma attwali tiegħu, mhux dejjem jippermetti l-identifikazzjoni ċara ta' professjoni bbażata fuq l-attivitajiet elenkati fih. Bħalissa, l-Anness IV jirreferi għall-Klassifika Industrijali Internazzjonali Standard għall-Attivitajiet Ekonomiċi kollha (ISIC)[32], anki jekk mhux fil-verżjoni l-iktar reċenti tagħha, iżda, f'ċerti każijiet, b'kategoriji li jmorru lura għas-snin ħamsin u sittin.

Għażla minnhom tkun li tittieħed bħala bażi l-istess klassifika tal-ISIC iżda fl-iktar verżjoni riveduta riċenti tagħha, dik tal-2008, li issa tinkludi lista iktar preċiża ta' attivitajiet. Bl-iżviluppi teknoloġiċi dejjem jilbtu, huwa importanti li jiġu ddefiniti u aġġornati l-kwalifiki u l-professjonijiet korrispondenti. Ħafna partijiet interessati pproponew ukoll bħala soluzzjonijiet alternattiva l-Vokabolarju Komuni tal-Akkwist tal-UE[33], li jiġi aġġornat b'mod regolari, u n-nomenklatura tal-Klassifika Internazzjonali Standard tal-Mestieri (ISCO)[34], kif irreveduta fl-2008.

---

32 Nomenklatura adottata min-Nazzjonijiet Uniti fl-1948, irriveduta fl-1958, 1968, 1989 u 2006 (l-aħħar reviżjoni ġiet ippubblikata fl-2008).

33 Ara r-Regolament (KE) Nru 2195/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru 2002 dwar il-Vokabolarju Komuni tal-Akkwist (CPV) (ĠU L 340, 16.12.2002, p. 1) kif emendat fl-aħħar fl-2009: http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CONSLEG:2002R2195:20090807:MT:PDF.

34 Adottata mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), u disponibbli fuq http://www.ilo.org/public/english/bureau/stat/isco/index.htm.

Filwaqt li Direttiva modernizzata għandha żżomm il-prinċipju tar-rikonoxximent awtomatiku għall-professjonijiet fl-oqsma tal-artiġjanat, il-kummerċ u l-industrija, il-klassifika tal-attivitajiet infushom tista' ssir fi stadju iktar 'il quddiem, bl-għajnuna tar-riżultati tal-istudju.

Mistoqsija 23: Liema alternattiva tippreferi minn dawn li ġejjin?

Għażla 1: Il-modernizzazzjoni minnufih, billi l-klassifika tal-ISIC tal-1958 teħdilha postha l-klassifika tal-ISIC tal-2008.

Għażla 2: Il-modernizzazzjoni minnufih, billi l-Anness IV jeħodlu postu l-vokabularju komuni użat fil-qasam tal-akkwist pubbliku.

Għażla 3: Il-modernizzazzjoni minnufih, billi l-Anness IV teħodlu postu n-nomenklatura tal-ISCO kif irreveduta fl-aħħar fl-2008.

Għażla 4: Il-modernizzazzjoni f'żewġ stadji: il-konferma, f'Direttiva modernizzata, li r-rikonoxximent awtomatiku jibqa' japplika għall-attivitajiet marbutin mal-attivitajiet tal-artiġjanat, il-kummerċ u l-industrija. L-attivitajiet relatati jibqgħu kif inhuma stipulati fl-Anness IV sal-2014, u sa dik id-data tiġi stabbilita lista ġdida ta' attivitajiet permezz ta' att delegat. Il-lista ta' attivitajiet għandha tissejjes fuq waħda mill-klassifiki msemmija fl-għażliet 1, 2 jew 3.

4.8. Il-kwalifiki minn pajjiżi terzi

Fl-essenza tagħha, id-Direttiva tal-Kwalifiki Professjonali tapplika għaċ-ċittadini tal-UE li għandhom kwalifiki miksuba fi Stat Membru tal-UE. Madankollu, id-Direttiva tgħin ukoll liċ-ċittadini tal-UE li għandhom kwalifiki miksuba barra mill-Unjoni Ewropea (ngħidu aħna, diploma mill-Kanada jew miċ-Ċina):

Id-Direttiva tapplika għal dawk iċ-ċittadini tal-UE li jkunu kisbu l-kwalifiki tagħhom inizjalment f'pajjiż terz, il-kwalifiki jkunu diġà ġew rikonoxxuti fi Stat Membru, u jkunu kisbu wkoll tliet snin ta' esperjenza professjonali fl-istess Stat Membru. L-Artikolu 3(3) jiffaċilita l-moviment ħieles ta' dawn iċ-ċittadini tal-UE meta jittrasferixxu ruħhom għal Stat Membru ieħor. B'hekk dawn iċ-ċittadini tal-UE jistgħu jgawdu mis-salvagwardji proċedurali kollha fil-qafas tal-hekk imsejħa sistema ġenerali (bħal deċiżjoni rapida u sustanzjata rigward ir-rikonoxximent tal-kwalifika). Fil-qosor, tliet snin esperjenza professjonali legali u effettiva fi Stat Membru jippermettu li l-kwalifika li tkun inkisbet inizjalment f'pajjiż terz tiġi ttrattata daqslikieku kienet inkisbet fi Stat Membru.

Madankollu, id-Direttiva tinkludi wkoll salvagwardji biex jiggarantixxu r-rekwiżiti minimi ta' taħriġ li diġà huma armonizzati fuq il-livell Ewropew (għal ċerti professjonijiet tas-saħħa u għall-periti). Skont l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva, l-Istati Membri ma għandhom jaċċettaw kwalifiki ta' pajjiżi terzi minn ċittadini tal-UE jekk il-livell tal-kwalifika ma jilħaqx ir-rekwiżiti minimi speċifikati għall-kwalifiki miksuba fl-UE. L-Istati Membri għandhom jevitaw ukoll li jixkattaw eżodu tal-imħuħ u tal-ħaddiema tas-sengħa minn pajjiżi ta' barra mill-UE[35].

[35] F'dan il-kuntest, għandu jitqies ukoll il-Kodiċi Globali ta' Prassi dwar l-Ingaġġ Internazzjonali tal-Persunal tas-Saħħa, tad-WHO.

Il-kwistjoni ewlieni hija jekk in-nuqqas ġenerali ta' ħaddiema tas-sengħa jitlobx aġġustament tad-dispożizzjonijiet imsemmija. Fl-ewwel każ, tali aġġustament ikun ta' ġid għaċ-ċittadini tal-UE. Madankollu, jista' wkoll jolqot ħażin liċ-ċittadini ta' ċerti pajjiżi terzi li jgawdu drittijiet skont il-leġiżlazzjoni Ewropea: il-qraba taċ-ċittadini tal-UE[36], ir-residenti għat-tul[37], ir-rifuġjati[38], u d-detenturi tal-"karta blu" [39] jiġu trattati daqslikieku huma ċittadini tal-UE f'dak li jirrigwarda r-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali (minkejja li l-istrumenti leġiżlattivi relevanti ma jorbtux lill-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea). Tali aġġustament għandu jirfed il-politika tal-Unjoni Ewropea li tiffaċilita l-mobbiltà wkoll fil-kuntest tal-Politika Ewropea tal-Viċinat riveduta.

Mistoqsija 24:

Tqis li huma meħtieġa aġġustamenti għal kif jiġu trattati ċ-ċittadini tal-UE li għandhom kwalifiki minn pajjiżi terzi skont id-Direttiva, ngħidu aħna billi titnaqqas ir-regola ta' tliet snin fl-Artikolu 3(3)? Tkun lest li tilqa' tali aġġustament ukoll għaċ-ċittadini minn pajjiżi terzi, inklużi dawk li jaqgħu taħt il-Politika Ewropea tal-Viċinat, li jgawdu minn klawżola ta' trattament indaqs skont il-leġiżlazzjoni Ewropea relevanti? (Jekk jogħġbok agħti argumenti speċifiċi favur jew kontra dan l-approċċ.)

5. KIF TWIEĠEB GĦALL-GREEN PAPER

Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet kollha interessati li jressqu l-kontributi tagħhom sal-20 ta' Settembru 2011, preferibbilment bil-posta elettronika, fuq l-indirizz li ġej:

DG Internal Market and Services, Unit E-4 "Free movement of professionals"
Posta elettronika: MARKT-PQ-EVALUATION@ec.europa.eu
Indirizz postali: European Commission
Internal Market Directorate General, Unit E-4
Rue de Spa 2
Office 06/014
1049 Brussels
Belgium

M'hemmx bżonn li l-kontributi mibgħuta jkopru l-kwistjonijiet kollha mqajma f'din il-Green Paper. Jistgħu jkunu limitati għal kwistjonijiet ta' interess partikolari għalik. Jekk jogħġbok indika b'mod ċar l-aspetti li magħhom huwa relatat il-kontribut tiegħek. Fejn possibbli, jekk jogħġbok agħti argumenti speċifiċi favur jew kontra l-alternattivi u l-approċċi ppreżentati f'din il-paper.

Il-kontributi kollha jkunu ppubblikati fuq il-websajt tad-DĠ Suq Intern u Servizzi, sakemm l-awtur tal-kontribut jitlob li ma jiġix ippubblikat. Huwa importanti li tinqara l-istqarrija speċifika ta' privatezza mehmuża ma' din il-Green Paper għal informazzjoni dwar kif se jiġu ttrattati d-dejta personali u l-kontribut tiegħek.

[36] Id-Direttiva 2004/38/KE.
[37] Id-Direttiva 2003/109/KE.
[38] Id-Direttiva 2004/83/KE.
[39] Id-Direttiva 2009/50/KE.